MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2011

Numru 4/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Brian Vella**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fid-9 ta' Jannar 2003 kontra Brian Vella li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) ikkommetta serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (omicidju

volontarju flimkien ma' sekwestru tal-persuna), bil-mezz (ksur ta' gewwa jew ta' barra jew bi skalata, cioe` billi b'xi mod wiehed jixxabbat biex jitla' jew jinzel, jew ksur ta' mezzi bhal dawn li qeghdin sabiex ma jhallux id-dhul f'dar jew f'lok iehor jew f'recint), bil-lok (dar ta' abitazzjoni jew parti li taghmel maghha), bil-valur (aktar minn elf lira), u bil-hin (bejn inzul u tlugh ix-xemx), kif ukoll li kkommetta dan id-delitt fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza nflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Novembru 1999 kif ukoll bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 1999 kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat u anke rrenda ruhu recidiv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu 1998, huwa kien instab hati ta' delitt; (2) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkaguna l-mewt ta' Josephine Grima, kif ukoll li kkommetta dan id-delitt fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza nflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Novembru 1999 kif ukoll bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 1999 kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat u anke rrenda ruhu recidiv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu 1998, huwa kien instab hati ta' delitt; (3) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkaguna l-mewt ta' Gerald Grima, kif ukoll li kkommetta dan id-delitt fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza nflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Novembru 1999, kif ukoll bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 152 meta, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 1999, kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat, u anke rrenda ruhu recidiv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-20 ta' Marzu 1998 huwa kien instab hati ta' delitt;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-4 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li (i) rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-imsemmi Brian Vella hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza izda minghajr il-kwalifika tal-mezz u b'dan li l-valur tal-oggetti kien jeccedi l-mitt lira (LM100) izda ma kienx jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000), b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabuh hati skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, u b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabuh hati skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza; (ii) rat il-verbal li bih l-akkuzat permezz tad-difensuri tieghu ddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-addebitu li kkommetta delitt fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza inflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Novembru 1999 kif ukoll l-addebitu ta' ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 152 meta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 1999 kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat kif ukoll l-addebitu li hu rrenda ruhu recidiv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Marzu 1998, huwa kien instab hati ta' delitt; (iii) rat il-verdett ulterjuri tal-gurati li bih unanimament sabu lill-istess Brian Vella hati tal-addebitu illi kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju, 1999 meta kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat kif ukoll ta' l-addebitu li rrenda ruhu recidiv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Marzu, 1998 huwa kien instab hati ta' delitt, iddikjarat lill-imsemmi Brian Vella

(1) hati talli fl-10 ta' Frar 2000, gewwa Flat 3, Block A, Apartments 21st September 1964, Triq il-Prinjoli, Santa Lucia, ikkommetta serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn mitt lira Maltin (LM100) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (LM1000), liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju flimkien ma' sekwestru ta' persuna), bil-lok (dar ta' abitazzjoni jew parti li taghmel maghha), bil-valur (aktar minn mitt lira Maltin izda mhux aktar minn elf lira Maltin), u bil-hin (bejn inzul u tlugh ix-xemx), kif ukoll li Brian Vella kkommetta dan id-delitt fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza nflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta'

Novembru 1999 kif ukoll bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 1999 kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat u anke rrenda ruhu recidiv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu 1998, huwa kien instab hati ta' delitt, u dan skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

(2) hati talli fl-10 ta' Frar 2000, gewwa Flat 3, Block A, Apartments 21st September 1964, Triq il-Prinjoli, Santa Lucia, ikkommetta omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Josephine Grima jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt u talli kkommetta dan id-delitt fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza nflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Novembru 1999 kif ukoll bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 1999 kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat u anke rrenda ruhu recediv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu 1998, huwa kien instab hati ta' delitt, u dan skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

(3) hati talli fl-10 ta' Frar 2000 gewwa Flat 3, Block A, Apartments 21st September 1964, Triq il-Prinjoli, Santa Lucia, ikkommetta omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bi hsieb li joqtol lil Gerald Grima jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, ikkagunalu l-mewt u talli kkommetta dan id-delitt fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza nflitta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Novembru 1999 kif ukoll bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 1999 kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat u anke rrenda ruhu recidiv peress li b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu 1998, huwa kien instab hati ta' delitt, u dan skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a), 269(g), 270, 272, 275, 276(A), 277(a), 279(a), 49, 50, 289, 211(1)(2), 17, 31, 28A sa 28H, (inkluzi b'mod partikolari l-artikoli 28B(3) u 28E(2) kif kienet il-ligi fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati) 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u kif ukoll l-artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152, ikkundannat lill-hati Brian Vella ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u inoltre kkundannatu jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf tmien mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1878.45c) spejjez peritali, li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata jigu konvertiti f'terminu iehor ta' prigunerija skond il-ligi. Inoltre, wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju 1999 u wara li rat l-Artikoli 9 u 10 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, (li jibqghu applikabbli, skond l-Artikolu 28(2) tal-Kap. 446) baghtet lill-hati quddiem dik il-Qorti biex tittratta mieghu ghar-reati li ghalihom kien gie maghmul l-ordni ghal-liberazzjoni bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mid-data ta' dik is-sentenza.

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kinitx qed tinsisti ghall-applikazzjoni tal-piena tar-rekluzjoni kif talbet fl-Att ta' l-Akkuza, kif ukoll fejn iddikjarat illi hemm il-konkors ideali u formali bejn l-Ewwel Kap u t-Tieni u it-Tielet Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, semghet it-trattazzjoni dwar il-piena, u qieset is-segwenti:

**"Qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-abbli difensur li jinsabu kollha registrati u senjatament imma mhux biss is-segwenti u cioe`:-**

**1. illi l-verdett tal-gurati ma kienx unanimu u fir-rigward tat-Tieni u tat-Tielet Kap kien l-inqas verdett possibbli skond il-ligi u li ghalhekk skond l-Artikolu 492 tal-Kodici Kriminali l-Qorti kellha d-diskrezzjoni li minflok piena ta' prigunerija ghal ghomru**

**tissentenzja lill-hati ghal piena ta' mhux inqas minn tnax-il sena prigunerija;**
**2. illi peress li l-guri gie xolt darbtejn qabel, il-hati gie pregudikat b'emenda procedurali li dahlet fis-sehh fil-mori u li biha ma kienx ghad hemm il-htiega li x-xiehda tal-ko-awtur jew tal-komplici tkun korroborata b'xi cirkostanzi ohra;**
**3. li l-hati sofra pregudizzju kbir minn bumbardament li kien hemm fil-*media* dwar il-kaz tieghu, ghalhekk kien il-kaz li din il-Qorti ma tapplikax il-piena ta' ghomor il-habs;**
**4. li l-ko-awtur f'dawn ir-reati Domenic Bonnici kien gie sentenzjat biss ghal tletin sena prigunerija u mhux ghal ghomru.**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara u cioe`:-**

**1. li jekk kien hemm kaz li s-socjeta` kienet tistmerru dan kien il-kaz tal-qtil ta' dawn iz-zewg anzjani li thallew imutu fgati ghal tul ta' hin bil-mod, il-mod u ghaddew minn martirju sakemm mietu. Il-hati ma kellux hniena minnhom u hallihom imutu b'mod sfaccat u egojistiku u dana biex jaghmel gwadan;**
**2. li ma kinitx korretta d-difiza meta qalet li l-verdett kien minimu ghax il-verdett fuq l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza li kien ukoll jikkomprendi htija ta' serq bil-kwalifika ta' omicidju, kien wiehed ta' seba' (7) voti kontra tnejn (2);**
**3. li l-Qrati kienu taw diversi opportunitajiet lill-hati taht forma ta' sentenzi sospizi u liberazzjonijiet kondizzjonati u r-risposta tieghu ghal dan kienet li spicca kkommetta omicidju duplici;**
**4. jekk il-ligi kienet tippreskrivi l-piena ta' ghomor il-habs ghal omicidju wiehed kif setghet id-difiza titlob li ma tinghatx is-sentenza ta' ghomor il-habs fil-kaz ta' zewg omicidji?;**
**5. illi l-ko-awtur Domenic Bonnici kien inghata piena ta' prigunerija ta' tletin sena propju ghaliex kien irregistra ammissjoni mill-ewwel kuntrarjament ghal dak li ghamel Brian Vella;**

**6. Ghalhekk il-prosekuzzjoni tenniet li qed tinsisti bil-qawwa kollha li tinghata l-piena ghal ghomor il-habs biex is-socjeta` tinghata messagg li dawn il-kwalita` ta’ reati ma jistghu jigu tollerati jew kondonati bl-ebda mod.**

**“Ikkonsidrat:**

**“Illi fil-waqt li hu minnu li l-Qorti fejn il-verdett tal-gurati ma jkunx unanimu ghandha diskrezzjoni fakultattiva li ma tapplikax il-piena ta’ ghomor il-habs, din id-diskrezzjoni trid tintuza bl-akbar ghaqal u gudizzju u tiddependi hafna mill-kwalita`, mill-gravita` u mill-pluralita` tal-kazijiet li taghhom ikun instab hati l-akkuzat.**

**“Illi ghalkemm huwa minnu wkoll li bhala rizultat ta’ l-emenda procedurali ghall-Artikolu 639(3) ma baqax mehtieg li biex ix-xiehda tal-komplici jew tal-ko-awtur tkun ammissibbli din trid tkun ikkorroborata minn xi cirkostanzi, l-emenda xorta wahda imponiet fuq il-Qorti l-obbligu mandatorju li taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda tal-komplici jew ko-awtur b’kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.**

**“F’dan il-kaz l-istess difiza ma kkontestatx l-applikabilita` ta’ din l-emenda procedurali ghall-kaz odjern, u din il-Qorti ottemperat ruhha strettament u rigorozament ma’ l-obbligu mpost fuqha billi, fil-kors ta’ l-indirizz taghha lill-gurati ghal diversi drabi rrepetiet b’enfasi kbira din id-direttiva. F’kull kaz pero` din il-Qorti hija tal-fehma soda li kien hemm hafna cirkostanzi, uhud minnhom bazati fuq provi xjentifici u inkonfutabbli li kienu jikkorroboraw ix-xiehda tal-ko-awtur Domenic Bonnici u ghalhekk tqis li l-hati ma seta’ jsofri ebda pregudizzju bhala rizultat ta’ dik l-emenda.**

**“Illi dwar it-tielet sottomissjoni li l-hati sofra xi pregudizzju minn xi bumbardament fil-*media* dwar il-kaz tieghu din il-Qorti tillimita ruhha li taghmel**

**referenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tad-9 ta' Mejju 2007, partikolarment ukoll meta hafna mir-rappurtagg tal-kaz kien jirrigwarda kawzi li ghamel l-istess hati biex iwaqqaf li jsir il-guri u stqarrijiet moghtija lill-*media* mill-istess difensuri tal-hati.**

**"Dwar il-piena li nghatat lill-ko-awtur Domenic Bonnici hemm differenza tremenda bejn il-fedina penali tieghu u dik tal-hati u filwaqt illi Bonnici seta' jibbenefika mill-fatt li huwa ammetta l-htija tieghu mill-ewwel u dan skond il-gurisprudenza ghandu jigi rifless fil-piena, l-istess ma japplikax ghall-hati f'din il-kawza.**

**"Qieset ukoll li l-hati sal-lum gie kkundannat mill-Qrati ghall-mhux inqas minn sittax-il darba ghar-reati serji diversi ta' serq, attakk u rezistenza kontra l-forza tal-ordni, tentattiv ta' incendju ta' karozzi, rapporti foloz ta' reati lill-awtorita`, theddid ripetut kontra diversi membri tal-forzi tal-ordni, feriment ta' Supretendent tal-Pulizija u nies ohra tal-korp u persuni privati, kif ukoll li ghamel uzu minn passaport mhux tieghu u ffalsikifa l-istess, dikjarazzjonijiet u stqarrijiet foloz lill-awtorita` bi hsieb li jikseb vantagg u reati ta' frodi, apparti ruxxmata ta' reati li ghandhom x'jaqsmu mas-sewqan.**

**"Wara li qieset dan kollu, u li per konsegwenza ta' din is-serqa tilfu hajjithom b'mod mill-aktar kiefer u brutali z-zewg anzjani u dana ghall-iskop ta' serq, tqis li hemm lok li l-piena tkun tirrifletti pjenament il-gravita` enormi tal-kaz."**

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Brian Vella pprezentat fit-23 ta' Ottubru 2007 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u subordinatament, fil-kaz li din il-Qorti tilqa' t-tieni u/jew it-tielet linji difensjonali msemmija fir-rikors ta' appell, timmodifika s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha kwantu sejbien ta' htija tad-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, lok, valur u hin, tirrevokaha kwantu l-

aggravju tal-vjolenza fid-delitt tas-serq konsistenti f'omicidju volontarju u s-sejbien ta' htija taht it-Tieni u t-Tielet Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, cioe` d-delitt ta' omicidju volontarju, u tinfliggi piena abbazi tar-reati li taghhom jinsab hati filwaqt li tikkonferma l-addebitu tar-recidiva msemmija, u subordinatament, fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-verdett tal-gurija, tvarja s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma l-verdett tal-gurija, tapplika piena anqas minn dik inflitta mill-ewwel Qorti ghall-kaz, skond il-ligi; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta' l-appellant huma, fil-qosor, (1) li gie misjub hati hazin fuq il-fatti, (2) li kien hemm irregolarita` matul il-kawza, u (3) li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji wara xulxin kif rizultanti mir-rikors ta' appell.

**7.** Taht l-ewwel aggravju l-appellant ghandu zewg ilmenti. L-ewwel ilment jirrigwarda s-sostituzzjoni tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali bl-Att XVI tas-sena 2006. Dan is-subartikolu, li gie fis-sehh fit-3 ta' Ottubru 2006 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 231 tas-sena 2006, illum jipprovdi:

**"Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."**

**8.** L-appellant jghid illi l-posizzjoni legali ta' tali sostituzzjoni tista' tigi nkwadrata fil-gurisprudenza nostrana li "bejn wiehed u iehor dejjem segwiet ir-regola illi d-dritt procedurali huwa ta' applikazzjoni mmedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-procedura gdida." Jirreferi wkoll, pero`, ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mahmud Ali Amber** fit-28 ta' Gunju 2007 fejn

din il-Qorti rat li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex tiddikjara li f'dak il-kaz, minhabba certi cirkostanzi, ir-regola tan-non-retroattivita` jkollha eccezzjoni. Skond l-appellant, ghalkemm ic-cirkostanzi f'dan il-kaz mhumiex l-istess, xorta tezisti sitwazzjoni partikolarissima li jispjega hekk:

"L-Onorabbli Qorti Kriminali kienet appuntat il-guri ghas-seduta tat-2 ta' Frar 2004. Jirrizulta mill-atti ta' dan il-process illi dan il-kaz kien beda jinstema' regolarment, issejhu l-gurati, xehed bil-gurament il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, gie progettat *video tape* esebit fl-atti, xehed Matthew James Greenhalgh, tqassmet lill-gurati kopja tar-raport ta' Greenhalgh bhala espert imqabbad mill-Qorti, xehed John Grixti, tqassmet kopja ta' l-espert l-Ispettur John C. Ellul lill-gurati u xehed dan l-istess xhud, xehed P.S. 845 Peter Cini u xehdet ukoll Denise Buhagiar. F'dan il-kaz, jirrizulta li l-avukat prosekutur kien talab lill-Qorti sabiex jixhed Dominic Bonnici. Il-prosekuzzjoni kienet taf li dan ix-xhud, li kif diga` nghad hu komplici ma' min wettaq dawn ir-reati, kien ghad ghandu l-kaz tieghu pendenti stante li l-kaz ta' l-istess Dominic Bonnici kien quddiem dina l-Onorabbli Qorti ghal decizjoni fuq xi eccezzjoni preliminari. Id-difiza kienet oggezzjonat ghall-produzzjoni ta' dan ix-xhud. Jirrizulta mill-atti illi fl-4 ta' Frar 2004, l-Onorabbli Qorti Kriminali kienet tat digriet fejn, filwaqt li accettat li d-difiza f'dak il-kaz setghet taghti l-eccezzjoni anke f'dak l-istadju tal-process dwar li Dominic Bonnici ma kellux jixhed, il-Qorti xoljiet il-guri u ddifferixxiet il-kawza *sine die* biex tinstema' quddiem gurati differenti.

"Jirrizulta mill-atti wkoll illi dan il-kaz kien rega' gie appuntat ghas-smiegh mill-Onorabbli Qorti Kriminali fl-10 ta' Jannar jew xi gurnata jew tnejn qabel, tas-sena 2006. Anke hawn, il-gurija giet komposta, saret ir-rekwizitorja u bdew jinstemghu l-provi. Minn digriet ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali ta' l-10 ta' Jannar 2006, minhabba zball li seta' effettwa r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, dan il-guri rega' gie xolt.

“Meta wiehed jara d-dati ta’ l-appuntament ghal dan il-guri fiz-zewg okkazjonijiet imsemmija, wiehed jinnota illi dawn kienu qabel ma gie fis-sehh l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali, kif sostitwit, bis-sahha ta’ l-Avviz Legali 231 tas-sena 2006, stante li dan kien fit-3 ta’ Ottubru 2006.

“Ma hemmx dubju li fiz-zewg okkazjonijiet precedenti, l-esponenti ma kellu assolutament l-ebda tort ghalfejn f’dawn iz-zewg okkazjonijiet il-guri tieghu gie xolt. M’ghandux ghalfejn jinghad fid-dettal, izda biss jissemma, illi minhabba dan il-fatt l-esponenti sofra pregudizzju kbir. Skond il-posizzjoni ta’ kif kien jaqra l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali, ix-xiehda ta’ Dominic Bonnici kellha per forza tigi msahha f’cirkostanza jew cirkostanzi materjali. Mhux hekk biss, izda fl-ewwel okkazjoni meta kellu jinstema’ dan il-guri, il-probabilita` kienet illi Dominic Bonnici, stante li kellu l-kaz tieghu pendenti, kellu d-dritt li ma jixhidx biex ma jpoggix htija fuqu.

“Fis-sentenza taghha, l-Onorabbli Qorti Kriminali ghal sottomissjoni tad-difiza dwar il-piena li saret wara l-verdett tal-gurija, irrimarkat li d-difiza ma kinitx ikkontestat l-applikabilita` ta’ din l-emenda procedurali ghall-kaz odjern u ghalhekk il-Qorti kienet ottemperat ruhha strettament u rigorozament ma’ l-obbligu impost fuqha. Bir-rispett, pero`, dana ma jtellifx id-dritt ta’ l-esponenti illi, bl-akbar rispett, jissottolineja illi l-fatt illi dan il-guri kien qed isir ghat-tielet darba u li l-posizzjoni ta’ l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali kienet differenti qabel it-3 ta’ Ottubru 2006, kellha tingieb a konjizzjoni tal-gurija mill-istess Qorti sabiex tkun tista’ tenfasizza l-kawtela li huma jridu jiehdu anke fl-isfond ta’ din ic-cirkostanza. L-Onorabbli Qorti Kriminali fis-sentenza taghha ndikat ukoll illi fil-fehma taghha kien hemm korroborazzjoni non di meno. Anke hawn bir-rispett, wiehed ma jistax b’dan il-mod jippostula kif kienet gurija thares lejn il-kaz fl-interpretazzjoni rigoruza ta’ l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali kif kienet qabel.

“Fl-umli fehma ta’ l-esponenti, il-fatti u c-cirkostanzi kollha hawn fuq imsemmija poggewh fi zvantagg, partikolarment meta, bir-rispett, <u>b’mod ironiku</u>, id-digriet tax-xoljiment tal-

guri ta’ l-4 ta’ Frar 2004 kien qieghed isir fl-interess tieghu. Fil-fehma ta’ l-esponenti, peress li l-Onorabbli Qorti Kriminali kienet presjeduta mill-istess gudikant, l-istess imsemmi abbli gudikant kellu jikkonsidra jekk, nonostante x-xoljiment f’zewg okkazjonijiet precedenti, il-guri kienx qieghed jinstema’ l-ewwel darba jew jekk in effett jistax wiehed jikkonsidra illi l-guri f’certu ambitu kien qieghed jinstema’ t-tielet darba. Hu veru li xoljiment jista’ jigi interpretat li l-procedura, sa dak l-istadju, tkun qed tigi kancellata, pero` strettament dawn il-fatturi jibqghu dejjem jigu mizmuma fl-atti tal-kawza, u ghalhekk huma parti integrali mill-process kriminali. F’dawn ic-cirkostanzi partikolarissimi, hu ferm difficli illi wiehed jikkonkludi jekk din il-materja tolqotx strettament punt proceduerali jew inkella jekk setax kellha effett, kif probabbilment kellha, fuq is-sostanza tal-kaz.

“Minhabba fil-premess, fl-umli fehma ta’ l-esponenti, dan it-tibdil fil-ligi ppregudika l-jedd tieghu ghal smiegh xieraq in kwantu s-sottomissjonijiet, l-argumenti u l-indirizz allura maghmula u migjuba quddiem il-gurati, stante li dawn kienu mfassla fid-dawl tal-ligi vigenti u mhux kif kienet precedentement. Dan il-jedd huwa protett kemm mill-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll mill-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li, bir-rispett, il-Qorti ghandha d-dmir li tissalvagwardja.”

**9.** Huwa utili fl-ewwel lok li jigi riprodott ezattament dak li ntqal minn din il-Qorti fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mahmud Ali Amber**:

**“Issa, kif kien gie ritenut fl-Appell Kriminali *Il-Pulizija v. George Faenza et* deciz fis-7 ta’ Jannar 2005:**

**“‘Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta’ l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma’ Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju *nullum crimen, nulla poena sine***

***lege* li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-nonretroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[1] kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea[2]. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom Human Rights and Criminal Justice[3]:**

***"'There are thus two closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable.'*[4]**

**"'Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-nonretroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' <u>applikazzjoni immedjata</u>, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-"procedura" gdida – ara, fost ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet *The Republic of Malta v. Ravi Ramani* u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar,**

---

[1] 39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."

[2] 7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.

[3] Sweet & Maxwell (London), 2001.

[4] P. 282, para. 10-05.

**1992 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri*. Jinghad "bhala regola" ghax ma huwiex eskluz li jista' jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`.'"**

**"M'hemm l-ebda dubju li s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali jifforma parti mid-dritt procedurali u ghaldaqstant mhuwiex applikabbli l-principju tan-nonretroattivita`. Konsegwentement, anke fir-rigward ta' reati li sehhew qabel it-3 ta' Ottubru 2006, fejn l-uniku xhud kontra akkuzat huwa komplici, illum l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jaghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda tal-komplici b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha. Naturalment l-istess jghodd ghall-Qrati tal-Magistrati, fis-sens li l-korroborazzjoni mhix mehtiega aktar izda l-gudikant ghandu jipprocedi b'dik il-kawtela li l-kaz ikun jirrikjedi tenut kont tal-fatt li l-uniku xhud kontra l-akkuzat ikun il-komplici li jista' jkollu interess aktar minn haddiehor li jfarfar minn fuq spallejh ghal fuq spallejn l-akkuzat.**

**"Fil-kaz in ezami pero` ghandna sitwazzjoni partikolarissima. Meta gie celebrat il-guri, kien ghadu vigenti s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 kif kien qabel ma gie sostitwit fl-2006. Ghalhekk, is-sitwazzjoni ghall-finijiet ta' dan l-appell giet kristalizzata meta nghata l-verdett mill-gurati skond il-ligi u taht ir-regim allura vigenti. Din il-Qorti hija tal-fehma illi, li kieku f'dawn ic-cirkostanzi kellha tiehu in konsiderazzjoni t-tibdil li sar fil-ligi, tista' tkun qed tippregudika l-jedd ta' l-appellant ghal smigh xieraq in kwantu s-sottomissjonijiet u l-argumenti allura maghmula u migjuba quddiem il-gurati kienu mfassla fid-dawl tal-ligi kif kienet dakinhar, u mhux ta' kif inbidlet sussegwentement. Dan il-jedd huwa protett kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u**

**tal-Libertajiet Fondamentali u din il-Qorti ghandha d-dmir li tissalvagwarda tali jedd."**

**10.** Kif korrettement jghid l-appellant, ic-cirkostanzi fil-kaz odjern huma differenti mic-cirkostanzi fil-kaz ta' Amber. Pero`, il-posizzjoni tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali tibqa' l-istess, cioe` li dan is-subartikolu jifforma parti mid-dritt procedurali u ghaldaqstant mhuwiex applikabbli l-principju tan-nonretroattivita`. Fil-kaz ta' Amber, meta gie ccelebrat il-guri s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali kien ghadu ma giex sostitwit u gie sostitwit sakemm gie biex jinstema' l-appell. Mill-banda l-ohra meta gie ccelebrat il-guri fil-kaz odjern, is-sostituzzjoni tas-subartikolu (3) kienet diga` fis-sehh u allura dak is-subartikolu (3) kien applikabbli kif sostitwit. Il-fatt li fiz-zewg okkazjonijiet precedenti li beda jinstema' l-guri (u kull darba gie xolt), is-subartikolu (3) kien ghadu ma giex sostitwit, ma jbiddel xejn minn din il-posizzjoni legali, u din il-Qorti ma tarax kif l-appellant seta' sofra pregudizzju. L-ewwelnett, ix-xoljiment tal-guri f'dawk iz-zewg okkazjonijiet precedenti sar fl-interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Dawk ix-xoljimenti fissru li dak li kien lehaq sar f'kull okkazjoni kellu jitqies bhallikieku ma sarx. Difatti meta gie biex isir il-guri t-tielet darba, il-procedura bdiet mill-bidu nett u bix-xhieda li kienu xehdu precedentement jergghu jixhdu mill-gdid. Imbaghad, dan is-subartikolu minnu nnifsu ma johloqx ir-reat jew jaghmel xi fatt punibbli. Issa, ghalkemm tnehhiet il-htiega ta' korroborazzjoni, is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 dahhal salvagward iehor favur l-akkuzat, cioe` li l-Qorti taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda tal-komplici b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha. Id-difensur ta' l-appellant (li kien differenti mid-difensur odjern), minghajr ezitazzjoni, kemm waqt id-difiza[5] kif ukoll waqt il-kontro-replika[6], enfasizza dan il-punt dwar il-kawtela li jridu juru l-gurati meta jigu biex iqisu x-xiehda ta' Dominic Bonnici li kien komplici. F'pagna 52 tad-difiza traskritta, id-difensur ta' l-appellant ghamel referenza cara ghas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 meta qal: *"... si tratta, Sinjuri gurati, li hawn ghandna*

---

[5] Ara pagni 48, 52, 56 u 76 tad-difiza traskritta.
[6] Ara pagni 82 u 84 tal-kontro-replika traskritta.

*posizzjoni fejn ix-xhud li qed jixhed kontra l-akkuzat huwa xhud komplici, u allura dak illi ha jghid intom tridu tuzaw hafna aktar kawtela, jigifieri tridu tiehdu l-prekawzjonijiet kollha biex taslu jekk tistrihux fuq dak li qed jghid jew le."* U fil-kontro-replika traskritta, f'pagna 82, id-difensur ta' l-appellant qal li *"... il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha jew jekk jaslu biex isibu hati l-akkuzat."* Jigifieri anke d-difiza kienet accettat li l-ligi vigenti meta gie ccelebrat il-guri kien proprju s-subartikolu (3) imsemmi <u>kif sostitwit</u>.

**11.** Jigi wkoll enfasizzat li, bhalma s-sottomissjonijiet u l-argumenti maghmula u migjuba quddiem il-gurati fil-kaz ta' Amber kienu mfassla fid-dawl tal-ligi kif kienet dakinhar, l-istess fil-kaz odjern is-sottomissjonijiet u l-argumenti maghmula u migjuba quddiem il-gurati kienu mfassla fid-dawl tal-ligi kif kienet meta gie ccelebrat il-guri. Inoltre, fiz-zewg kazijiet l-appell kien bazat fuq is-sitwazzjoni li giet kristalizzata meta nghata l-verdett mill-gurati skond il-ligi u taht ir-regim allura vigenti f'kull kaz.

**12.** Fl-ahharnett din il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll illi, kuntrarjament ghal dak li jghid l-appellant, l-ewwel Qorti effettivament gabet a konjizzjoni tal-gurati l-ligi kif kienet qabel u spjegatha, filwaqt illi enfasizzat diversi drabi l-kawtela li jridu juru l-gurati. Hekk, per ezempju, jinghad fl-indirizz[7]:

"Bhala xhud [Dominic Bonnici] l-istess kriterji japplikaw ghalih li japplikaw ghal haddiehor, huwiex konsistenti, hux dak li qed jghid ghandux mis-sewwa, hux korroborat, dawk kollha japplikaw, pero` peress li huwa komplici jew ko-awtur ... il-ligi trid 'il min qed jiggudika kif inhi l-ligi issa – ghax sa ftit xhur ilu kienet differenti – illi l-Qorti twissi lill-gurati li meta qed jaraw x'qal dak ix-xhud partikolari li m'hemmx dubju kien awtur jew ko-awtur tad-delitt, wiehed joqghod attent hafna li jkejlu bil-pinzetta. Qabel il-ligi kienet differenti fis-sens kienet aktar rigoruza, fis-sens li kienet tghidlek il-ligi qabel illi meta xhud wahdani kontra l-

[7] Pagna 11 ta' l-indirizz traskritt. Ara wkoll pagni 12, 51 u 52.

akkuzat ikun il-komplici, u dana japplika anke jekk ikun ko-awtur ... u x-xiehda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b’cirkostanzi ohra, ix-xiehda ta’ dan ix-xhud wahedha ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati....

“Issa kif inhi issa llum ser naqrahielkom, l-istess kliem jibda fil-ligi – meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fil-process li jinstema’ quddiem il-gurati tkun persuna komplici, u daka japplika ghall-ko-awtur, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak li jkun jaghti, b’kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.

“Mela qabel kien hemm il-htiega illi anke jekk temmnu *hundred per cent* lill-komplici ghax ma jkunx hemm ghaliex m’ghandekx temmnu, jekk ma jkollokx farka evidenza ohra, *fingerprint* per ezempju jew xhud iehor jikkorroborah, jew sigarett bid-DNA, jekk ma jkollokx dawn anke jekk qed temmnu ma jkollokx raguni ghalfejn ma temmnux, xorta mhijiex valida biex issib htija fuqha dik ix-xiehda. Dan kif kienet qabel. Mela qabel ara kemm kienet stretta l-ligi f’dan is-sens, illi jekk bniedem jigi hawn jixhed jghidlek iva jiena kont fis-serqa, ghamilt hekk, ghamilt hekk, ghamilt hekk, temmnu mija fil-mija ghax jaqa’ taht il-kriterji l-ohra kollha u m’ghandekx bicca prova ohra, wahda zghira, cirkostanza anke wahda, importanti trid tkun eh, xi haga li torbot mar-reat, ma tistax toqghod fuqu biex issib htija. Dik issa m’ghadhiex tghodd. U l-posizzjoni legali llum hija li tista’ temmnu anke jekk ma jkunx korroborat minn xi cirkostanza ohra, pero` trid tuza kawtela, attenzjoni u cirkospezzjoni. Jigifieri dan mhux qed nghid illi x-xhud allura tghid mela jien dan mhux ser nemmnu ghax komplici; le, tista’ temmnu pero` biex temmnu trid tkun qghadt attent hafna li ezaminajt ix-xiehda tieghu u, bil-Malti, mhux toqghod fuqha *blindly, that’s what it means*, naturalment dejjem wara li tara l-kriterji kollha.”

Issir referenza wkoll ghal pagni 12, 51 u 52 ta’ l-indirizz traskritt fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri baqa’ jenfasizza l-kawtela li kellhom juru l-gurati u s-sinjifikat ta’ dik il-kawtela, u ghal pagni 7 sa 10 ta’ l-istess indirizz traskritt

fejn l-istess Imhallef spjega l-kriterji li jridu juzaw l-gurati biex jivvalutaw ix-xiehda. Minn dan u minn ezami ta' l-indirizz kollu m'hemmx dubju li l-gurati tqieghdu fl-ahjar posizzjoni possibbli sabiex iwettqu d-dmir taghhom.

**13.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-ilment ta' l-appellant huwa nfondat u, in kwantu l-ilment tieghu jista' jitqies bhala li jqieghed iqajjem kwistjoni ta' natura kostituzzjonali u allura li ghandha ssir riferenza lill-Qorti kompetenti, din il-Qorti qed tiddikjara tali talba bhala wahda frivola u vessatorja.

**14.** It-tieni lment jirrigwarda l-intenzjoni specifika li trid il-ligi kwantu d-delitt ta' omicidju volontarju u ghalhekk li hu ta' rilevanza ghat-Tliet Kapi ta' l-Att ta' Akkuza. L-appellant jghid li mill-provi jirrizulta li Dominic Bonnici, Robert Borg u hu stess kienu xurbana hafna, u ghalhekk fi stat ta' sokor. Konsegwentement, fil-mument li l-vittmi thallew marbutin, minhabba dak l-istat ta' sokor, ma setghux iqisu l-konsegwenzi ta' dak li kienu qeghdin jaghmlu. L-appellant jghid li dan il-punt ma ssemmiex b'mod dirett fl-arringa tad-difiza quddiem il-gurati. Nonostante cio`, isostni li kellu jissemma mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu ghas-segwenti ragunijiet:

"Ikun hemm hafna istanzi f'diversi gurijiet fejn difiza tonqos milli tindika certa konsiderazzjonijiet legali u l-Qorti fl-indirizz taghha xorta thoss li tali mankanza tingieb a konjizzjoni tal-gurija. Dan juri illi Imhallef sedenti, f'guri, bir-rispett ma hux marbut biss sabiex igib a konjizzjoni tal-gurija l-punti sollevati mill-partijiet, izda ghandu mano libera illi jekk mill-provi tirrizulta xi konsiderazzjoni importanti li ghandha tissemma ghall-ahjar retta amministrazzjoni tal-gustizzja, dan jista' jaghmlu, anke jekk il-partijiet ma jidhlux f'dik il-konsiderazzjoni.

"Id-difiza fl-arringa taghha, kif ser jissemma aktar tard f'dan ir-rikors, issottomettiet bhala t-tielet linja difensjonali taghha, li mill-provi ma kienx hemm l-intenzjoni specifika rikjesta mil-ligi ghad-delitt ta' l-omicidju volontarju. Infatti, l-imsemmija arringa dahlet biex tikkonsidra d-delitt tal-ferita gravi segwita bil-mewt u spjegat x'inhi l-intenzjoni

generika rikjesta ghal dan id-delitt imsemmi. B'dan il-mod indirett ghalhekk l-artikolu 34(4) tal-Kapitolu 9 kellu jassumi importanza mill-Qorti biex wiehed jifli wkoll jekk kinitx ifformata l-intenzjoni specifika jew xi intenzjoni xort'ohra, dejjem in kwantu l-ezami ta' l-elementi li jikkostitwixxu d-delitt ta' omicidju volontarju. Kif inghad, dan kien ferm importanti ghall-ezami ta' l-intenzjoni indiretta pozitiva. Hawnhekk dan mhux kaz tal-principju *qui facit per alium facit per se*. L-att fil-kaz odjern sar u jammonta ghal reat, pero` mhux ghad-delitt ta' omicidju volontarju.

"Fil-kaz 'Ir-Repubblika ta' Malta v. Francis Casaletto', deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-8 ta' Novembru 1988, gie stabbilit l-punt illi 'f'guri l-Imhallef ghandu l-funzjoni u d-dover li jispjega lill-gurati l-aspetti legali nvoluti fil-kaz, izda dan ma jfissirx li ghandu jirrelata t-tezi tad-difiza ghal dawk li huma punti ta' ligi qisu kienet dik biss il-ligi ...."

**15.** Dak li l-appellant qieghed iqajjem hawn hija difiza kompletament gdida li ma tqajmitx waqt il-guri mid-difiza. Huwa minnu li fl-arringa d-difensur ta' l-appellant issottometta li l-intenzjoni specifika hija nieqsa, izda ma qalx li hija nieqsa ghax l-appellant kien fis-sakra izda ghax *"kellu intenzjoni generika"*. U ma tistax titqies bhala xi haga li tista' tigi kkunsidrata sottintiza ghal dak sottomess mid-difiza waqt il-guri. Din il-Qorti effettivament fliet il-provi biex tara jekk jistax b'xi mod jinghad illi fil-hinijiet li twettqu d-delitti in kwistjoni huwa kien f'tali stat li seta' jwassal ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 34(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn dawn il-provi m'hemm l-ebda hjiel ta' dan. L-ewwelnett fit-tliet stqarrijiet tieghu l-appellant fl-ebda istanza ma jirreferi ghal xi *bingeing* dakinhar ta' l-10 ta' Frar 2000. Jirreferi biss ghal xi "zewg *drinks*" meta ltaqa' ma' Dominic Bonnici fit-3.15 p.m., imbaghad li ha "pipa *cocaine*" flimkien ma' Dominic Bonnici u Robert Borg ghall-habta tal-5.00 p.m., u flixkun birra ghall-habta tas-7.20 p.m. **John Grixti**, li jiggestixxi l-*bar* tal-Kazin Nazzjonalista ta' Santa Lucia, xehed[8] li fl-10 ta' Frar 2000

[8] Atti tal-kumpilazzjoni, fol. 80 – 82.

l-appellant kien hemm kemm filghodu kif ukoll filghaxija u li filghaxija kien ordna *drink* wiehed. **Dominic Bonnici** jghid li dakinhar qam fid-9.30 a.m. u mar il-Kazin tan-Nazzjonalisti f'Hal-Tarxien fejn iltaqa' ma' l-appellant u Robert Borg u baqghu hemm jixorbu sa xis-1.00 p.m./1.30 p.m. Minn hemm marru jixorbu f'hanut x'imkien lejn tas-Sliema u xis-6.00 p.m. regghu marru l-Kazin fejn komplew jixorbu sa xis-7.30 p.m./ 8.00 p.m. Skond Bonnici hadu l-*cocaine* kif hargu mill-Kazin ghall-habta tas-1.30 p.m. Fl-ebda mument, pero`, ma jghid xejn dwar l-istat li kien fih l-appellant. Jitkellem biss dwar il-kondizzjoni tieghu stess meta kienu fil-Kazin filghaxija:

"Difiza: U f'liema stat kont wara li kont ilek mill-ghaxra ta' filghodu tixrob il-JB u l-Heineken?
Xhud: Tista' timmagina.
Difiza: Ghax jien dawn l-affarijiet qatt m'ghamilthom, ahjar tispjegalna.
Xhud: Imma tistghu timmaginaw kollha, taqbad tixrob minn filghodu, tiehu l-*cocaine*, terga' tkompli tixrob.
Difiza: Kont taf x'qed taghmel?
Xhud: Mhux ma tkunx taf x'qed taghmel, ghax ma kontx naf x'qed naghmel pero` meta dhalt gol-flat u qbadnihom qisni gejt f'sensija jien l-ewwel wiehed. Bl-istess biza' li kelli fuqi.
....
Difiza: Jigifieri Censu Negozju ha sehem fil-konversazzjoni li kien hemm ghaddejja bejnietkom intom it-tlieta?
Xhud: Lili qalli: "Fejn sejjer?" Ghalfejn ma tmurx lejn id-dar?" Qalli bhal speci skuzi ghal go wicckom: "Qieghed zibel bi *drink*".

**Vincent Spiteri** (Censu Negozju) ukoll ma jghid xejn dwar il-kondizzjoni ta' l-appellant, izda biss dwar Dominic Bonnici li, meta kien se johrog ma' l-appellant, saqsieh fejn sejjer u Bonnici wiegbu li kien sejjer il-Belt jixrob fil-festa ta' San Pawl. Spiteri jghid li lil Bonnici qallu: "Inti qisek dghajsa fil-maltemp ser tixrob il-Belt? Ghax ma tmurx torqod?" Jghid li qal hekk lil Bonnici ghax dan Bonnici kien imlahlah. **Robert** Borg, li din il-Qorti semghet it-*tape* tax-xiehda li ta waqt il-guri, kien reticenti hafna, tant

li sahansitra beda biex qal li ma kienx xehed waqt il-kumpilazzjoni. Kull ma qal waqt il-guri hu li fl-10 ta' Frar 2000 huwa kien il-Kazin tan-Nazzjonalisti u xorob flimkien ma' l-appellant u Dominic Bonnici filghodu u rega' ltaqa' maghhom filghaxija. Inqratlu silta minn dak li kien xehed fil-kumpilazzjoni fil-25 ta' Mejju 2000[9] fejn, *inter alia*, qal li *"Duminku u l-imputat kienu mlahalhin"*. Meta l-prosekutur qara din is-silta, minflok *"imlahalhin"* qara *"imdahlin"*. Dwar is-silta li nqratlu x-xhud jghid, fuq mistoqsija tal-prosekutur, li dak iz-zmien kien jiftakar izjed u llum ma jiftakarx. Qal li filghaxija xi kwarta damu hdejh. In kontroezami mbaghad qal li kienu qeghdin jiehdu drink mal-bar u, mistoqsi hux drink wiehed, tnejn, tlieta, wiegeb li ma jafx ghax kienu ilhom jixorbu gurnata dakinhar.

**16.** Kif jista' l-appellant jippretendi li l-Imhallef li ppresjeda l-guri iressaq quddiem il-gurati difiza bazata fuq l-artikolu 34(4) tal-Kap. 9 fuq dawn il-provi? Minn imkien ma jirrizulta li l-appellant kien xorob tant li ma kienx kapaci jifforma l-intenzjoni mehtiega biex jikkommetti reat. Evidentement kien proprju ghalhekk li dan il-punt ma tqajjimx mid-difiza waqt il-guri. Kwindi anke t-tieni lment huwa michud.

**17.** Aggravju iehor ta' l-appellant hu li kien hemm irregolarita` matul il-kawza li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Dan l-aggravju hu bbazat fuq diversi interventi li saru mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fil-waqt li l-avukat difensur kien qieghed jaghmel l-arringa tieghu lill-gurati. L-appellant jghid:

"Dan l-aggravju jikkoncedi bhala regola illi ma hemm assolutament xejn fil-ligi illi jindika illi imhallef li qed jippresjedi l-guri ma jinterrompix avukat li jkun qieghed jindirizza lill-gurija. Hu koncess ukoll illi tali imhallef probabbilment ghandu d-dritt illi jiccara certi punti illi jkunu qed jigu sollevati mid-difiza jew parti ohra, meta l-gurija tkun qed tigi indirizzata. Hu koncess ukoll illi jekk parti ma tkunx korretta dwar xi sottomissjoni ta' fatt, tali imhallef

[9] Fol. 95 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

jista’ jaghzel dak il-mument sabiex jikkorregi lill-parti, ghalkemm jista’ jaghzel ukoll illi jaghmel dan fl-indirizz tieghu lill-gurija. Hu pacifiku pero` li fil-prassi normali, indirizz ta’ parti lill-gurija, li jkun qed isir fl-istadju li trid il-ligi fil-process, ma jigix interrott hlief f’kazijiet eccezzjonali.

“Minn ezami tat-‘tapes’ mismugha mill-avukati di fiducja ta’ l-esponenti, jidher car illi l-avukat difensur fil-guri gie mwaqqaf diversi drabi, kif jirrizulta minn siltiet f’‘tapes’ numerati tlettax u erbatax, u fi bnadijiet ohra. Bil-lejalta` ghandu jinghad illi hu koncess illi filwaqt li d-difiza fil-guri deher li kellha f’mohhha bhala linji difensjonali, illi fl-ewwel lok l-esponent assolutament ma ppartecipax fid-delitti li bihom huwa akkuzat; fit-tieni lok li jekk il-gurija tasal li hu ppartecipa, hu seta’ jigi ritenut responsabbli biss ghad-delitt tas-serq mhux aggravat bil-vjolenza konsistenti f’omicidju volontarju, mhux bil-mezz u mhux bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin; u finalment, li jekk l-esponent ippartecipa anke fil-vjolenza li gabet il-mewt, dan ma kienx kaz ta’ omicidju volontarju, izda ta’ ferita gravi segwita bil-mewt – li d-difiza mhux dejjem zammet din l-ordni fl-argumentazzjoni taghha. Jidher li l-Imhallef sedenti intervjena proprju l-ewwel darba meta d-difiza kienet qieghda ssemmi ‘it-tielet persuna’ u l-Qorti riedet tkun taf min kienu t-tliet persuni. Jidher car li f’dak l-istadju, meta gie mwaqqaf l-avukat difensur, l-istess avukat kien qed jaghmel sottomissjoni dwar il-fatt li kien hemm it-tielet persuna li Duminku Bonnici ma kienx qed isemmi. Jidher illi f’dan il-kuntest il-kliem ‘it-tielet persuna’ kienet intiza mid-difiza biex tfisser ‘the third person’ u allura f’dak il-kuntest, ‘il-persuna l-ohra’. Il-Qorti hadet din il-frazi *ad litteram* fejn allura ppostulat li d-difiza kienet qed taccetta li fis-serqa kienu ppartecipaw tliet persuni. Jidher mill-andament illi dan il-kwezit seta’ fixkel lid-difiza fil-mod ta’ hsieb taghha. Infatti jirrizulta mit-‘tape’ li f’dan l-istadju l-avukat difensur kien qed jaghti altru minn imbekkata lill-Qorti meta staqsa x’hin il-Qorti kienet fi hsiebha taghmel il-‘break’. Jidher illi l-Qorti injorat dan il-messagg sottili; anzi kompliet bil-kweziti taghha. Infatti jirrizulta li l-avukat fuq il-kwistjoni tal-‘break’ qatt ma kellu risposta mill-Qorti.

“Ftit wara jidher illi d-difiza kkoncediet, sabiex tirrispondi l-kweziti billi qalet illi t-tielet persuna kien l-esponent, pero` li dan ma ppartecipax fil-vjolenza. Sa dak l-istadju ta’ l-arringa, allura, il-gurija kellha quddiemha certa stampa, dovuta ghall-insistenza tal-Qorti fuq il-kwezit imsemmi li kienet ghamlet. Aktar tard fl-arringa, id-difiza kienet qed taghmel sottomissjonijiet dwar il-loqom ta’ sigaretti li nstabu fl-appartament li rrizulta kienu apparentement mpejpa wiehed kompletament mill-esponenti u l-iehor minn Bonnici u l-esponenti. Id-difiza kienet qed taghmel sottomissjonijiet li ma hix eskluza l-probabbilita` li dawn setghu ddahhlu maz-zraben tal-hallelin, izda mhux li l-esponent kien prezenti fl-appartament. Hawnhekk l-Imhallef sedenti rega’ intervjena. Hu importanti illi wiehed jisma’ t-tonalita` tal-vuci u l-kliem ezatt li ntqal bhala kontenut. Pero` jidher illi l-Qorti osservat illi din is-sottomissjoni tad-difiza ma kinitx tregi ghaliex l-istess difiza kienet ikkoncediet hin qabel illi l-esponent kien prezenti fl-appartament. In ultimo analizi, hemm kumment tal-Qorti fejn lid-difiza qaltilha kliem f’sens illi kieku kellha kjarezza fil-hsieb taghha, l-ewwel kellha taghmel sottomissjonijiet dwar l-ewwel linja difensjonali u mhux taccetta in prima lineja li l-esponent kien prezenti fl-appartament. Bir-rispett ghal kulhadd, l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti setghet kellha validita`, pero` fl-umli fehma tad-difiza, konsiderando interventi dwar punti daqstant delikati, il-Qorti kellha, bir-rispett, titlob lill-gurija illi tirtira u taghmel dawn il-kweziti u osservazzjonijiet ohra fl-assenza taghhom. B’dawn il-kummenti, fl-umli fehma ta’ l-esponenti, il-Qorti setghet tat l-impressjoni lill-gurija, illi dak li kienet qed tissottometti d-difiza dwar dawk il-punti partikolari, ma kellhomx sens. Infatti, f’mument minnhom, meta l-avukat difensur qal kliem fis-sens illi hu kellu d-dmir illi jaghmel tali sottomissjonijiet, u li d-difiza kellha d-dritt ggib a konsiderazzjoni tal-gurija linji difensjonali sussidjarji, il-Qorti esklamat kliem fis-sens illi dan hu veru, pero` imbasta dawn isiru bis-sens.”

**18.** Din il-Qorti wkoll semghet it-*tapes* rilevanti. L-ewwelnett dwar l-intervent ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri fejn id-difensur ta’ l-appellant semma “t-tielet persuna”, fil-fehma ta’ din il-Qorti tali intervent kien mehtieg biex jigi

ccarat jekk id-difiza kinitx qed issostni li fil-post kien hemm zewg persuni (ad eskluzjoni ta' l-appellant) jew tliet persuni (inkluz l-appellant). Naturalment, u kif anke stqarr l-Imhallef li ppresjeda l-guri, dan kien mehtieg biex imbaghad ikun jista' jindirizza lill-gurati korrettement. Peress illi d-difensur ta' l-appellant kien irrefera ghat-"tielet persuna" li kienet ma' Dominic Bonnici, l-Imhallef saqsa: *"Biex il-Qorti tifhmek ahjar, inti meta qed tghid it-tielet persuna jigifieri qed tghid li kien hemm tlieta hux hekk? Mhux Duminku u persuna ohra biss."* It-twegiba tad-difensur kienet: *"Hekk hu. Tlieta zgur."* Huwa veru illi hin minnhom id-difensur saqsa lill-Qorti *"la waqqaftni, fi x'hin ha naghmlu l-break?"*, u rrepeta xi drabi *"biex inkun naf fix' hin se taghmel il-break"*, u ma kien hemm l-ebda twegiba mill-Qorti li, minflok, qalet lid-difensur li kellu jiccara l-kwistjoni. Hawn din il-Qorti ma tara l-ebda messagg sottili da parti tad-difiza biex isir *break*. Kieku d-difensur ta' l-appellant kellu bzonn *break* kien jitlobha. Effettivament, id-difensur kompla bid-difiza tieghu u ma talabx *break*. Aktar 'il quddiem[10] fil-fatt id-difensur qal li kien ghad baqaghlu xi jghid u *"ma nafx jekk tridx niehdu break"*.

**19.** L-appellant jirreferi wkoll ghal intervent iehor ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri meta d-difiza kienet qed taghmel sottomissjonijiet li ma hix eskluza l-probabbilita` li l-loqom tas-sigaretti setghu ddahhlu maz-zraben tal-hallelin, izda mhux li l-appellant kien prezenti fl-appartament. L-ewwelnett ghall-korrettezza jigi osservat illi fl-ebda waqt ma d-difensur jirreferi ghall-*"probabbilita`"* izda ghall-*"possibilita`"*. Issa, mill-arringa tad-difiza waqt il-guri jidher li l-ewwel linja difensjonali mressqa, u allura kien qieghed jigi miftiehem, dik principali, kienet li ghalkemm l-appellant kien prezenti huwa ma ppartecipax fil-vjolenza. It-tieni linja difensjonali mressqa mbaghad kienet li l-loqom tas-sigaretti li fuqhom instab id-DNA ta' l-appellant setghu ddahhlu fl-appartament fejn sehhew id-delitti biz-zarbun ta' min kien fil-fatt ikkommetta d-delitti in kwistjoni u li l-appellant ma kienx prezenti. Logikament dawn il-linji difensjonali kellhom semmai jkunu inversi. Fil-fehma ta' din il-Qorti, li mhux biss qrat it-traskrizzjoni tad-

[10] Pagna 64 tad-difiza traskritta.

difiza izda anke semghet ir-registrazzjoni tat-*tapes*, l-ewwel Qorti kellha kull dritt tintervjeni sabiex tigi epurata l-kwistjoni.

**20.** Issa, f'**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2001**, para. 7-81, pagna 930 u 931, naqraw:

**"Interventions by the judge during a trial will lead to the quashing of a conviction: (a) when they have invited the jury to disbelieve the evidence for the defence in such strong terms that the mischief cannot be cured by the common formula in the summing up that the facts are for the jury, and that they may disregard anything said on the facts by the judge with which they do not agree; (b) when they have made it impossible for defending counsel to do his duty; (c) when they have effectively prevented the defendant or a witness for the defence from telling his story in his own way: *R. v. Hulusi and Purvis*, 58 Cr.App.R. 378, CA; see also *R. v. Frixou* [1988] Crim.L.R. 352, CA, and *R. v. Roncoli* [1998] Crim.L.R. 584, CA.... In *R. v. Matthews and Matthews*, 78 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal said that in considering the effect of interventions made by the trial judge the critical aspect of the investigation was the quality of the interventions as they related to the attitude of the judge as might be observed by the jury and the effect that the interventions had either on the orderly, proper and lucid deployment of the defendant's case by his advocate or on the efficiency of the attack to be made on the defendant's behalf on vital prosecution witnesses by cross-examination administered by his advocate on his behalf. Ultimately the question was: might the case for the defendant as presented to the jury over the trial as a whole, including the adducing and testing of evidence, the submissions of counsel and the summing up of the judge, be such that the jury's verdict might be unsafe?"**

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-interventi ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri kienu ntizi biex ikun hemm *"[an] orderly, proper and lucid deployment of the defendant's case"*. Il-

kummenti tieghu jridu jittiehdu fil-kuntest u s-sekwenza li fihom saru (a skans ta' ripetizzjoni ara pagni 65 sa 67 tat-traskrizzjoni tad-difiza). Kwindi dan l-aggravju qieghed jigi respint.

**21.** L-appellant imbaghad jghaddi biex jaghmel numru ta' sottomissjonijiet fir-rigward tal-linji difensjonali migjuba waqt il-guri. Qabel xejn, pero`, irid jinghad illi in konnessjoni ma' l-aggravju tieghu li nstab hati hazin fuq il-fatti tal-kaz, l-appellant jaghmel dak li jirreferi ghalihom bhala "sensiela ta' punti interogattivi fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija":

"Ghaliex b'ordni ta' Qorti fil-hatra ta' *scene of crime officers* jingabru oggetti minn fuq xena ta' delitt sabiex iwasslu lill-Pulizija tikxef lill-hati, u wara dawn l-istess oggetti ma jigux ezaminati forensikament?

"Ghaliex l-espert Matthew James Greenhalgh jghid illi nghata *'originally to assess and examine a number of items'*, u mbaghad jghid li *'the police decided to assess only these'*. Fuq liema kriterji ttiehdet din id-decizjoni?

"Ghaliex meta l-istess Matthew James Greenhalgh jghid li kien *'possible to make these assessments which items could give good results'* u dan inghata struzzjonijiet biex ma janalizzax l-istess oggetti?

"Ghaliex meta ghandek loqom ta' sigarett vicinissimu ghal kadavru, li l-istess Matthew James Greenhalgh jghid li la hu ta' l-esponenti, la ta' Duminku u lanqas ta' Geraldu Grima, ma giex komparat ma' xi hadd iehor?

"Ghaliex la dan il-loqom, skond Matthew James Greenhalgh kien ta' persuna maskili, ma tqabbilx bhala DNA Profile ma' ta' Robert Borg?

"Ghaliex meta soltu l-Pulizija ma joqoghdux fuq dak li jghidilhom persuna jekk ikunu qeghdin jissuspettawh, ma komplewx l-indagini taghhom fuq Robert Borg?

"Ghaliex meta qed johrog car li kien hemm persuna ohra fl-appartament tal-konjugi Grima, il-Pulizija ma komplewx bl-indagini taghhom u seba' snin wara ghadhom ma ressqux lil dan il-persuna?

"Ghaliex il-Pulizija hallew lill-esponenti jpejjep quddiemhom waqt l-interrogazzjoni meta kienu jafu sa dak l-istadju kien hemm prova importanti dwar filter ta' sigarett li jinstab fuq il-post u ma qalulux b'dan mill-ewwel biex l-esponenti jassigura li s-sigaretti li kien qed ipejjep quddiemhom ma jkunux jistghu jigu mhallta ma' xi ohrajn?

"Ghaliex bir-rispett kollu lejn l-ispettur John Charles Ellul, dan l-Ispettur, bhala membru tal-Korp tal-Pulizija, thalla li jiehu bhala espert, sehem tant attiv f'din l-investigazzjoni u kien hu li rcieva l-fax minn barra dwar id-DNA?"

**22.** Fil-verita` dawn il-punti interrogattivi l-appellant iqajjimhom biex jipprova jdahhal suspett fl-investigazzjoni kollha li saret. Huwa veru li forsi kien ikun ahjar kieku ntalab li jsir tqabbil mad-DNA Profile ta' Robert Borg, u li gew analizzati minn Matthew James Greenhalgh l-esebiti kollha li gew ikkonsenjati lilu. Fix-xiehda tieghu Matthew James Greenhalgh gie mistoqsi jekk kienx possibbli jsir *DNA testing* fuq l-oggetti l-ohra konsenjati lilu (*black sock, brown sock, tights, upper part of milk packet, jewellery removed from Josephine Grima, jewellery removed from Gerald Grima, nail scraping of Josephine Grima, nail scraping of Gerald Grima*). Huwa wiegeb: *"It would be. There was some discussion at the time as to which items were the most likely to give successful results and following discussion the Maltese authorities instructed me to do the ones that I have reported on."* Ciononostante, tali nuqqas ma jnaqqas xejn mir-rizultanzi l-ohra kollha. U anke jekk stess kien hemm tliet persuni li dahlu fl-appartament tal-konjugi Grima, il-gurati xorta kellhom jiddeciedu jekk wiehed mill-persuni involuti kienx l-appellant u, f'kaz affermattiv, x'sehem kellu fit-twettiq tad-delitti addebitati lilu. Kwantu ghall-fatt jekk l-appellant pejjipx jew le waqt li kien qieghed jigi interrogat, dak li jrid jigi ezaminat huwa c-*chain of custody* tal-loqom li nstabu fl-appartament sal-mument li gew ikkonsenjati lil Matthew

James Greenhalgh. Din il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex imbaghad l-Ispettur John Charles Ellul gie *singled out* mill-appellant biex jintefa' dell fuq l-operat tieghu in partikolari. Mill-provi jirrizulta li l-Ispettur John Charles Ellul u P.C. 173 Brian Mangion gew nominati bhala *scene of crime officers* mill-Magistrat Inkwirenti. Fir-relazzjoni taghhom (Dok. EM) dawn l-esperti spjegaw fid-dettal il-process sabiex tigi preservata l-evidenza[11]:

"Illi fir-rigward ta' kull esebit li gie elevat minn dan il-lok, l-esponenti hadu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jizguraw li ma jkunx hemm cross-contamination, anke minn esebit ghall-iehor. Dan ghamluh billi kollox gie ppreservat separatament filwaqt li fejn kien necessarju intuzaw ingwanti godda ghal kull esebit differenti li gie elevat. Dawk id-dokumenti li ser jissemmew aktar 'il quddiem, u li fuqhom kien hemm il-hsieb li jsiru ezamijiet ghad-D.N.A. gew impoggija go fliexken sterili, issigillati permezz ta' film tax-xema u wara gew impoggija gol-friza tal-laboratorju forensiku."

Il-loqom tas-sigaretti gew ikkonsenjati lill-espert serologu Christopher Farrugia minn P.C. 173 Brian Mangion fit-18 ta' Frar 2000 (ara pagni 5 sa 7 tar-relazzjoni ta' Christopher Farrugia u Robert Cardona). Huwa ghadda dawn l-esebiti lil Matthew James Greenhalgh fil-21 ta' Marzu 2000 (ara pagna 22 ta' l-istess relazzjoni kif ukoll ix-xiehda ta' Matthew James Greenhalgh). Il-fatt li Matthew James Greenhalgh baghat fax lill-Ispettur John Charles Ellul b'sommarju tar-rizultati fl-14 ta' April 2000 ma jbiddel xejn mir-rizultati kif spjegati fid-dettal fir-relazzjoni (Dok. MJ4) ta' l-istess Matthew James Greenhalgh.

**23.** Issa, kwantu ghas-sottomissjonijiet ta' l-appellant dwar il-linji difensjonali tieghu, huwa mehtieg fir-rigward taghhom apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-

[11] Pagna 7 tar-relazzjoni Dok. EM.

konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[12]. In ezekuzzjoni ta’ din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta’ l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u ezaminat ukoll id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. M’hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta’ apprezzament ta’ fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f’dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha migjuba.

**24.** Il-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha. Kellhom ghalhekk l-opportunita` iqisu “l-imgieba, il-kondotta u l-karattru” tax-xhieda, kif ukoll jiehdu nota “tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi ohra tax-xiehda” u “jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz” (artikolu 637 tal-Kap. 9). Wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, ikkonkludew li l-appellant huwa hati tat-tliet Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza b’dan li fir-rigward ta’ l-Ewwel Kap, minghajr il-

---

12 Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta’ Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**, 19 ta’ Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter**, 14 ta’ Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta’ April 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta’ Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta’ Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta’ Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta’ Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi**, 14 ta’ Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta’ Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta’ Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta’ April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta’ Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta’ Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta’ Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta’ Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta’ Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta’ Mejju 1991.

kwalifika tal-mezz u li l-valur ta’ l-oggetti ma kienx jeccedi l-elf lira Maltin.

**25.** L-ewwel linja difensjonali li jirreferi ghaliha l-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu hi li hu ma kienx la l-awtur u lanqas komplici tad-delitti li bihom gie akkuzat. L-appellant l-ewwel jikkummenta dwar dak li jqis bhala nuqqas tal-Pulizija li tinvestiga ulterjorment lil Robert Borg, li jiddeskrivieh bhala *compagno di ubriachezza* ta’ Dominic Bonnici u ta’ l-istess appellant. Iqis stramb kif il-Pulizija ma talbitx biex isir *DNA profiling* fuq ir-raba’ loqma ta’ sigarett biex jigi determinat jekk kienx ta’ dan Robert Borg. Ghalkemm dan ma sarx, l-appellant jghid li xorta hemm il-prova almenu fil-grad tal-probabbli, illi fl-appartament tal-konjugi Grima tpejjep sigarett minn persuna njota u li nstab vicin hafna ta’ wiehed mill-kadavri u li min pejpu kellu involviment fil-vjolenza kommessa fuq xi wiehed jew l-iehor mill-persuni maqtula. Skond l-appellant, l-importanza ta’ tali fatt hija essenzjalissima peress illi hija determinanti biex turi li Dominic Bonnici kien qieghed jigdeb dwar min fil-fatt kien mieghu fuq ix-xena tad-delitt. L-appellant isemmi diversi punti li, skond hu, juru li Dominic Bonnici gideb meta xehed:

“Skond Duminku Bonnici, l-esponenti fil-bar tal-kazin tan-Nazzjonalisti filghaxija ‘qalli hemm bicca xoghol nakkwistaw ghoxrin elf lira tigi inti?’ Dan ix-xhud ikompli jghid li l-esponenti ‘staqsa lil Robert qallu ma tarax sakra bhal din mhux ser immur ma tarax fil-posizzjoni li qeghdin bis-sakra bhal din li tmur tisraq’. Robert Borg igiddeb lil Duminku Bonnici ghaliex kontrarjament ghal dak li jghid Bonnici li kien l-esponenti li mar isaqsi lil Robert Borg, l-istess Borg jghid ‘Duminku gie fuqi u qalli biex immur mieghu nakkwistaw xi haga biex naghmlu bicca xoghol. Jien fhimt li kienet serqa. Qalli biex immorru nisirqu. Pero` fejn konna sejrin il-post ma semmiehx.’ Il-bon sens jiddetta illi kien Duminku li ssuggerixxa s-serqa lil Borg. Dan qed jinghad ghaliex kieku kien l-esponent li mar jghid lil Borg ghas-serqa, kif allura Bonnici sema’ r-risposta ta’ Borg lill-esponenti, meta Censu Spiteri jghid illi hu kien bejniethom mal-bank tal-bar u ma sema’ xejn minn dan? Il-probabbilita` wkoll twasslek li Bonnici qed jigdeb meta

anke tqis ukoll li Spiteri qal li ra lil Duminku u Borg jitkellmu ‘ras imb’ras’. Importanti wkoll hu dak li xehed Borg meta qal: ‘... qalli biex immur mieghu ....’ Borg ma jghidx biex immur ‘maghhom’ u allura qieghed jeskludi illi Duminku qallu li hu kien sejjer ghas-serqa ma’ l-esponenti.

“Irrizulta mill-provi illi Bonnici u Borg kien ilhom jafu lil xulxin ghal hafna snin u li Borg kien ikun kuljum fil-bar li Bonnici kien jiggestixxi qabel. Min-naha l-ohra, sew Bonnici kif ukoll Borg jghidu li lill-esponenti ma kinux ilhom jafuh. Id-domanda tohrog wahedha: kemm hu verosimili illi zewg persuni bhal Bonnici u Borg jistiednu persuna li ma tantx jafu u jafdawh biex imur jikkommetti serqa kif ippropona Bonnici?

“Bonnici jghid illi accetta, dejjem skond hu, il-proposta ta’ l-esponenti li jmur mieghu ghas-serqa. Apparti li mhux kredibbli li kien l-esponenti li mar mieghu, imma persuna ohra, Bonnici jghid ‘iddecidejna li mmorru jien u Brian Vella. Saq lejn il-flat fejn joqghod. Jiena ma kont naf xejn x’ser naghmlu.’ Dan m’ghandux mis-sewwa. Fl-ewwel lok meta sa dak il-mument kienet qed tintuza l-karozza ta’ Bonnici, kif issa saq l-esponenti? U fit-tieni lok, kif jista’ jkun li ghandu mis-sewwa li Bonnici jaccetta li jmur ghal serqa u skond hu ‘... ma kont naf xejn ....’

“Jirrizulta li skond Bonnici, hu u, skond hu, l-esponenti, qaghdu fuq il-bejt ta’ l-appartamenti ghal tliet kwarti. Ma’ dan kollu jkompli jixhed illi meta waslu l-konjugi Grima lanqas kien jaf li kienu dehlin fuq aktar minn persuna wahda. Wiehed ikompli jsaqsi, kemm hu verosimili li wiehed iqatta’ tant hin fuq il-bejt, suppost biex jippjana s-serqa u ma jsaqsix fuq x’kienu ser jaghmlu u fuq min? Bir-rispett, Bonnici ma jitwemminx.

“Skond Bonnici, il-pjan kien illi, skond hu, l-esponenti kien qallu li r-ragel meta johrog bil-kelb jidhlu fuqu. Wiehed jerga’ jtenni, kemm hu verosimili, li minn fuq il-bejt jilhqu jinzlu t-tarag biex jidhlu fuqu meta johrog bil-kelb. Wiehed isaqsi, kemm hu verosimili illi wiehed ma jihux konsiderazjoni tal-presenza tal-kelb, ma jiddiskutix x’tip ta’

kelb hu u meta kelb hu rinomat li jaqbez ghal sidu f'kaz ta' aggressjoni fuqu!

"Skond Bonnici, hu u, skond hu, l-esponenti, ma kinux jafu li l-koppja Grima kienet barra mill-appartament u kienu hasbu illi kienu qeghdin gewwa. Anke hawn, dan hu inverosimili, peress illi kieku l-esponenti kien il-persuna li kien mieghu, seta' facilment jikkonstata li l-karozza tal-konjugi Grima ma kinitx ipparkeggjata fejn solitament tkun. Dan ikompli juri illi Bonnici kien l-ispiratur ta' din is-serqa pero` ma kellux id-dettalji dwar il-konjugi Grima, li seta' jkun jaf facilment kieku l-esponenti, li joqghod fl-istess blokk, kien ikun jaf u jghidlu bihom.

"Skond Bonnici meta kienu nizlin it-tarag, wara l-istennija tieghu ma', skond hu, l-esponenti, ra l-karozza tal-koppja Grima tasal u li sahansitra nnota li Josephine Grima giet imwaqqfa hdejn il-bieb biex ma tixxarrabx. Skond hu, huma stahbew mit-tarag 'l isfel. Allura wiehed legittimament isaqsi: kif dawn marru ghal fuqhom ghal certu distanza u hatfuhom minghajr l-ebda ghajjat da parti tal-konjugi Grima? Wiehed isaqsi, kemm hu verosimili dan kollu?

"Bonnici jipprova jghid illi f'dak il-mument kien bezghan tant li qal 'kif qbadtu lilu bl-istess biza' li kelli fuqi, waqajna t-tnejn ma' l-art'. Dan hu wkoll inverosimili. Kif hu wkoll m'ghandux mis-sewwa meta jghid 'ma bdejtx insawtu – naghfaslu idejh ma' sidru', meta l-istess Geraldu Grima kellu ksur ta' kustilji u offizi fuq il-persuna ohra.

"Skond Bonnici, il-persuna li kienet mieghu kienet l-esponenti u qal 'kif rabat lilha tani t-tape biex norbot lilu...' – hu beda 'izommulu halqu biex ma jghajjatx'. Dan ukoll mhux verosimili. Mill-provi jirrizulta illi Geraldu Grima kien bniedem mibni, u skond l-espert Dr Mario Scerri, l-istess Geraldu Grima ghamel rezistenza mhux hazin ghall-assalt li kellu fuqu. Ma hux verosimili illi fil-hin li xi hadd iehor kien qed jorbot lil Josephine Grima, Bonnici kien qed jghatti halq Geraldu Grima biex ma jghajjatx meta l-istess Bonnici ma kellu l-ebda gdim f'idejh jew swaba, li hi haga

probabbli li min qed jissara u jkollu id l-assaltatur tieghu ma' halqu, jigdmu.

"Bonnici jghid illi meta, skond hu, l-esponenti lesta mill-irbit, dan mar biex ifittex. Bonnici jghid 'kif rajtu qed ifittex, sabar ma kellix. Mort infittex mieghu halli jekk ghandna nsibu xi haga, nitilqu 'l barra nigru.' Dan ukoll m'ghandux mis-sewwa meta huwa stess jistqarr illi fl-appartament damu nofs siegha.

" Bonnici ma hux veritjer meta, rinfaccat bi prova forensika, jibqa' jinsisti illi ma kienx hemm persuna li hu mhux qieghed jindika.

"Lanqas ma ghandu mis-sewwa dak li jghid Bonnici illi wara s-serqa hu ma ha xejn mir-refurtiva, izda skond hu halliha f'idejn l-esponenti, persuna li ma tantx kien jaf tajjeb. Mhux verosimili illi halliel li jkun ghadda minn dik il-briga, jaghmel dan."

**26.** Dawn is-sottomissjonijiet ghandhom valur argumentattiv. Izda jridu jsiru dawn l-osservazzjonijiet:

- Kienx Bonnici jew kienx l-appellant li ssuggerixxa lil Robert Borg li jaghmlu serqa huwa rrilevanti.
- L-appellant jghid li Robert Borg xehed li Dominic Bonnici ssuggerielu jmur *"mieghu"*. Issa meta xehed waqt il-guri Robert Borg l-ewwel qal: **"**Duminku hin minnhom qalli: 'Trid tohrog maghna?'" Ftit wara qal: "Duminku qal irridx immur mieghu biex naghmlu xi haga." Meta nqratlu silta minn dak li xehed waqt il-kumpilazzjoni, ix-xhud jghid, fuq mistoqsija tal-prosekutur, li dak iz-zmien kien jiftakar izjed u llum ma jiftakarx. F'dik is-silta x-xhud kien qal: "Jien ghidtilhom li ma kontx sejjer." U "jien ghidtilhom: 'Tivvintawx kummiedji'." Kollox mela fil-plural.
- L-appellant jirreferi ghal Dominic Bonnici u Robert Borg bhala *compagni di ubriachezza* tieghu. Mela kieku stess is-suggeriment lil Robert Borg li jakkompanjahom ghas-serqa tigi ghamilha l-appellant, x'hemm inverosimili fiha?

- Huwa rrilevanti min saq lejn il-post tad-delitt. Mhux inverosimili li saq l-appellant jekk kienu sejrin proprju fl-appartamenti fejn kien jghix l-appellant.
- Jista' jkun verosimili wkoll li Bonnici kien ghadu ma jafx dettalji ta' kif se titwettaq is-serqa sakemm marru fuq il-post?
- Id-dettalji li Dominic Bonnici ta dwar kif kellu jitwettaq il-pjan jistghu jkunu verosimili.
- Ma setghetx il-karozza tal-vittmi kienet pparkjata x'imkien mhux fid-deher?
- Mnejn jirrizulta li l-malviventi marru ghal fuq il-vittmi minn certa distanza? Minn fejn jirrizulta li l-vittmi kienu lehqu ndunaw bl-aggressuri ferm qabel ma saret l-aggressjoni fuqhom?
- Jekk Dominic Bonnici gideb dwar li ma sawwatx lil Geraldu Grima, allura gideb meta fl-ebda waqt ma jghid li l-appellant sawwat lil xi hadd mill-vittmi?
- X'hemm inverosimili li Bonnici mar ifittex hu wkoll?
- X'hemm inverosimili f'li wiehed mill-malviventi jigbor ir-refurtiva kollha biex ibighha sabiex mbaghad jinqasam id-dhul?

**27.** L-appellant izid jghid illi meta wiehed janalizza r-rapporti tal-periti mqabbda mill-Qorti, wiehed ma jsib xejn hlief ghal-loqom tas-sigaretti li nstabu fl-appartament tal-konjugi Grima. Imbaghad jipprova jitfa' dell fuq il-mod kif gew konservati dawn il-loqom u allura l-operat ta' John Charles Ellul li hu kemm Spettur tal-Pulizija kif ukoll il-kap tal-laboratorju operat u kompost minn membri tal-Pulizija li huma responsabbli ghax-xena tad-delitt. L-appellant jghid:

"Irrizulta illi kien l-istess spettur illi ha parti attiva biex l-oggetti elevati jigu mil-laboratorju fejn gew ezaminati minn Matthew James Greenhalgh. Ovvjament, l-istess Matthew James Greenhalgh esegwixxa l-inkarigu skond decizjoni tal-Pulizija, ghal liema mill-oggetti kellu jezamina. Hu ghamel dan bl-oggetti li nghatawlu mill-istess Spettur u meta l-Pulizija ddecidiet x'kellu jigi ezaminat, probabbilment twassallu dan il-messagg minghand l-istess Spettur, issa b'vesti differenti ta' membru tal-Korp tal-Pulizija.

“Il-premess ghandu wkoll jiehu in konsiderazzjoni dak li diga` gie sottomess dwar l-istrambezza fl-indagini tal-Pulizija biex ma tikkompletax u tifli l-identita` ta’ persuna fuq ix-xena tad-delitt. Din il-mizura, fl-umli fehma ta’ l-esponenti, hija ferm suspettuza, u tindika li jew min ta l-informazzjoni lill-Pulizija ried jahbi din l-istess identita`, jew l-identita` setghet kienet maghrufa mis-sors ta’ l-informazzjoni u l-Pulizija ghazlet li ma ssegwihiex, jew li l-istess sors ta’ informazzjoni seta’ kien involut b’mod illi seta’ ma saritx indagini shiha fuqu mill-Pulizija. Probabbilment xi raguni mistura tezisti.

“Id-difiza waqt il-guri, fl-arringa taghha, esponiet il-possibilita` li dawn iz-zewg loqom ta’ sigaretti setghu ddahhlu ma’ xi zarbun ta’ xi halliel li dahal fil-post. Dan kien qed isir sabiex wiehed juri li din il-‘prova indizzjarja’ ma kinitx univoka, izda setghet twassal f’direzzjoni ohra. B’dan l-istess [mod] il-prosekuzzjoni ppruvat turi l-origini tas-sigarett injot, li setghet iddahhlet [*recte:* seta’ dahhal] ma’ xi zarbun ta’ xi haga [*recte:* hadd]. Dan ifisser li lanqas il-prosekuzzjoni ma hi qed tibbaza ruhha li l-istorja tas-sigaretti hija konkluziva u li torbot b’mod univoku. Bl-akbar rispett, il-mod suspettuz ta’ din l-indagini, in-nuqqasijiet lampanti illi saru, certa provi inkompleti, nuqqas tal-principju li l-prosekuzzjoni hija *the best friend of the accused* u fatturi ohra, legittimament u ragonevolment inisslu dubbju dettat mir-raguni dwar kif u minn min gie konservat l-istess loqom tas-sigaretti li nstabu fil-post, u l-katina li dawn l-istess inghataw lil espert barrani.

“Fin-nuqqas ghalhekk ta’ din il-prova indizzjarja apparenti, ma hemm l-ebda prova ohra li tpoggi lill-esponenti fuq ix-xena tad-delitt. Anzi, hemm ic-cahda tieghu *a tempo vergine*. Il-prosekuzzjoni ppruvat taghmel kapital illi l-esponenti seta’ ma kienx konsistenti f’xi dettalji li ta dwar fejn kien fil-jum ta’ l-10 ta’ Frar 2000. Pero`, fl-istess hin naqset illi ticcara, illi l-esponenti ta spjegazzjoni wkoll *a tempo vergine* ghal din l-inkonsistenza, u cioe` li Duminku Bonnici kien qal lill-esponenti biex ma jghidx li jafu, lanqas

li kienu flimkien jew fejn kienu minhabba d-droga li kienu hadu, kif ukoll li Robert Borg kellu kaz ta' droga.

"Apparti c-cahda ta' l-esponenti hawn fuq imsemmija, hemm diversi fatturi ohra fejn il-bon sens jiddetta illi l-esponenti ma kienx prezenti fl-appartament. Il-bon sens jiddetta illi meta f'pajjiz shih jista' jkun hemm tant postijiet fejn wiehed jikkommetti serqa, jaghzel post tant vicin fejn joqghod u fejn allura hu tant maghruf. Il-bon sens jiddetta illi jekk l-esponenti kien ma' Bonnici, Bonnici kellu jkun jaf certa dettalji fuq min kienet ser issir is-serqa. Hekk per ezempju, il-karozza tal-konjugi Grima, li jekk ipparkeggjata fejn tkun solitament hdejn il-blokk ta' l-appartamenti kien ifisser li l-konjugi kienu gewwa. Bonnici pero` dan la nnotah, la staqsa dwaru u qaghad jistenna! Dan ifisser li lanqas kellu din l-informazzjoni li seta' facilment ikollu minn komplici bhall-esponenti.

"Id-dubbju ragonevoli f'dan il-kaz hu qawwi u probabbilment jindika illi Bonnici komodament mal-Pulizija ghazel persuna li kienet mieghu f'dak il-jum, persuna ta' l-esponenti li ma tantx kien ilu jaf, biex qala' 'l barra l-vera persuna li kienet mieghu dakinhar. F'dan ir-rigward gie pruvat f'dan il-kaz minn Vincent Spiteri illi l-istess Spiteri kien iltaqa' ma' Bonnici fl-Isptar u qallu 'ghandi nkwiet kbir Cens ghax ma kienx hemm Brian fil-kaz'. Qallu li kien hemm bniedem iehor li kien involut li hu bniedem perikoluz u li Bonnici spicca fl-inkwiet peress li jekk jikxfu, hekk kien ser jispicca. Dan ikompli juri l-aspett veritjer tal-kaz, jew fl-aghar ipotesi li legittimament u ragonevolment wiehed ma jistax jistrieh fuq it-testimonjanza ta' Bonnici jew fuq il-prova indizzjarja apparenti li diga` ssemmiet. Ghal dawn il-motivi l-provi tal-prosekuzzjoni ma jwasslux fil-grad li trid il-ligi ghall-konvinciment morali li l-esponenti b'xi mod ippartecipa fid-delitti msemmija fit-tliet Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza kontrih."

**28.** Dwar l-operat tal-Pulizija, ta' l-Ispettur John Charles Ellul u tac-*chain of custody* tal-loqom tas-sigaretti, din il-Qorti diga` kkummentat *supra* f'paragrafu 22. Bizzejjed jinghad hawn illi anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument kien jirrizulta li fuq ir-raba' loqma tas-sigarett kellu jinstab

id-DNA ta' Robert Borg, dik kienet tkun prova indizzjarja tal-presenza ta' dan Borg fl-appartament tal-konjugi Grima bhalma hi prova indizzjarja s-sejbien tad-DNA ta' l-appellant u ta' Dominic Bonnici fuq il-loqom l-ohra. Imbaghad id-dell li pprova jitfa' l-appellant fuq l-operat ta' l-Ispettur John Charles Ellul huwa biss tentattiv biex johloq suspetti fejn suspetti ma jezistux u bl-iskop uniku li jipprova jgib fix-xejn il-konkluzjonijiet ta' Matthew James Greenhalgh.

**29.** Fil-fatt l-iktar provi indizzjarji qawwija kontra l-appellant jikkonsistu fil-loqom tas-sigaretti li nstabu fl-appartament tal-konjugi Grima li wahda minnhom kellha fuqha d-DNA ta' l-appellant u l-ohra kellha fuqha d-DNA kemm ta' l-appellant kif ukoll ta' Dominic Bonnici. Sar tentattiv mid-difiza biex tispjega l-presenza ta' dawn iz-zewg loqom billi tissottometti li dawn setghu ddahhlu maz-zarbun ta' min kien dahal fil-post biex jisraq. Tali sottomissjoni tikkontrasta ma' l-enfazi li ghamlet id-difiza fuq ir-raba' loqma ta' sigarett bid-DNA ta' persuna njota bhala prova li fl-appartament kien hemm malvivent iehor. Li loqma ta' sigarett tehillek maz-zarbun u ddahhalha d-dar mieghek hija possibilita`, izda kemm huwa possibbli li fl-istess post jiddahhlu zewg loqom li fuqhom hemm id-DNA ta' l-istess persuna? M'hemmx dubju li l-ispjegazzjoni li ppruvat taghti d-difiza ma gietx accettata mill-gurati ghax tqieset bhala tentattiv fjakk da parti ta' l-appellant biex jipprova jbieghed lilu nnifsu mix-xena tad-delitt.

**30.** Hemm imbaghad ix-xiehda ta' Dominic Bonnici. Issa, xhud jista' jitwemmen f'kollox, jista' jitwemmen f'parti u f'parti ma jitwemminx u jista' ma jitwemmen f'xejn. Meta Dominic Bonnici xehed fil-guri huwa kien diga` gie kkundannat ghas-sehem tieghu f'dan il-kaz u ghalhekk ma kellu xejn x'jirbah jew x'jitlef. Il-presenza tar-raba' loqma tas-sigaretti bid-DNA ta' persuna ohra tista' semmai tindika li kien hemm it-tielet malvivent li dahal fl-appartament izda mhux li l-appellant ma kienx hemm. Ghalhekk Dominic Bonnici jista' ma jitwemminx meta jghid li kienu hu u l-appellant biss li dahlu izda ma jfissirx li ma jistax jitwemmen meta jghid li Brian Vella kien mieghu. Huwa minnu li l-kaz sehh f'appartament fl-istess blokk fejn

kien jghix l-appellant – dan huwa argument illi kwazi kwazi huwa mistenni li jingab – izda tali fattur ma jzommx lil min ghandu intenzjonijiet kriminali milli jwettaqhom, anzi jaghmilhom ehfef ghall-malvivent biex iwettaqhom proprju ghax ikun jaf bejn wiehed u iehor il-movimenti tal-vittma/i. Kwantu ghad-diskors li allegatament ghadda bejn Dominic Bonnici u Vincent Spiteri fl-Isptar, fis-sens li Bonnici qal lil Spiteri li l-appellant ma kienx imdahhal, Dominic Bonnici cahad dan kategorikament waqt konfront li sar ma' Vincent Spiteri.

**31.** Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment jikkonkludu li fl-10 ta' Frar 2000 l-appellant kien wiehed mill-malviventi li dahlu fl-appartament tal-konjugi Grima.

**32.** It-tieni linja difensjonali, li waqt il-guri l-appellant ipprezenta bhala l-ewwel linja difensjonali, l-appellant jiddeskriviha bhala linja difensjonali sussidjarja. Jghid illi d-difiza fl-arringa taghha ssottomettiet illi jekk il-gurija tasal illi tkun konvinta moralment li huwa kien prezenti fuq ix-xena tad-delitt, il-partecipazzjoni tieghu kienet ta' komplicita` fis-serq izda mhux partecipazzjoni fid-delitti ta' omicidju volontarju fuq il-konjugi Grima. Ovvjament, jghid l-appellant, id-difiza ma kinitx qieghda tammetti li ghal dak li jirrigwarda s-serq aggravat dan kien imtaqqal bil-vjolenza konsistenti f'omicidju volontarju, l-aggravju tal-mezz u tal-valur ta' aktar minn elf lira. L-appellant jissottometti dwar dan l-aggravju:

"Tenut kont dak kollu li diga` nghad dwar il-kredibilita` tal-komplici Bonnici, u tenut kont ukoll ta' l-argumentazzjoni li diga` saret dwar il-prova indizzjarja apparenti, wiehed jixtieq izid illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu argumentat, anke jekk wiehed jistrieh fuq il-loqom tas-sigaretti li nstabu fil-post, dawn juru presenza fizika, izda mhux partecipazzjoni fl-atti li taw lok ghall-vjolenza. Il-prosekuzzjoni fir-replika taghha ppruvat kwazi tirredikola dan l-argument billi qalet kliem f'sens: illi allura l-esponenti qaghad hemm ihares. Din hija asserzjoni gratuwita minn parti li ghandha l-obbligu li tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni. Il-prosekuzzjoni skartat ghal kollox illi nstabu

zewg loqom tas-sigaretti hdejn il-kadavri, li l-ebda wiehed minnhom ma kien ta’ l-esponenti. Skartat ukoll il-fatt illi fuq il-persuna ta’ l-esponenti ma kien hemm l-ebda sinjali ta’ vjolenza fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn li jistghu jorbtuh ma’ dak kommess fuq il-konjugi Grima. Skartat il-fatt illi l-loqom tas-sigaretti apparenti nstabu hdejn l-i*spare bedroom* fl-istess appartament u mhux fejn kienu l-kadavri.

“Tenut kont dak kollu li ntqal dwar il-presenza ta’ persuna ohra li sew Bonnici u sew il-Pulizija: Bonnici ma riedx isemmi u l-Pulizija ma ndagatx dwaru, hemm dubju ragonevoli min vera kien responsabbli ghall-atti ta’ vjolenza fuq il-konjugi Grima, apparti *ex admissis* Dominic Bonnici. Bonnici jinvolvi lill-esponenti fl-irbit ta’ Josephine Grima u jpoggieh bhala l-persuna li mbaghad mar ifittex. Hi ferm inverosimili d-deskrizzjoni ta’ Bonnici li hallelin ta’ lanqas ma jippruvawx jiehdu minghand il-vittmi taghhom, fejn ikunu hallew il-flus jew hwejjeg ohra prezjuzi taghhom. Dan hu inkredibbli, izda Bonnici jrid jaghti stampa aktar li jinkludi lill-esponenti milli jaghti min verament kien prezenti.”

L-appellant ghalhekk jirritjeni li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li jekk l-appellant kien fizikament prezenti huwa ppartecipa fil-vjolenza kontra l-koppja Grima. Konsegwentement, isostni, hu ghandu jinstab hati ta’ serq aggravat bil-vjolenza konsistenti f’sekwestru tal-persuna u l-kwalifiki l-ohra msemmija, barra l-kwalifika tal-mezz u li l-kwalifika tal-valur ma jkunx aktar minn elf lira, kif iddecidiet il-gurija dwar dawn l-ahhar zewg kwalifiki.

**33.** Mill-verdett huwa evidenti illi l-gurati emmnu li l-appellant kien kompartecipi fil-vjolenza fuq il-konjugi Grima. Dan kemm in vista ta’ dak li xehed Dominic Bonnici kif ukoll in vista ta’ xi feriti li kellu l-appellant u li l-espert Dr. Mario Scerri qal li kienu saru bejn gimgha u ghaxart ijiem qabel l-ezami ta’ l-appellant (l-ezami sar fit-18 ta’ Frar 2000, tmint ijiem wara d-delitti in ezami). Il-Prof. Hector Galea kkonkluda li l-ebda marka li kellu l-appellant ma kienet saritlu minn xi difer. Naturalment id-dwiefer mhumiex l-unici oggetti li jikkawzaw feriti. U ma

tirrizulta ebda spjegazzjoni da parti ta’ l-appellant dwar l-origini tal-feriti riskontrati fuqu. Dwar il-loqom tas-sigaretti mbaghad, il-posizzjoni fejn instabu fl-appartament ma jistghu jkunu ta’ ebda rilevanza dwar min kien responsabbli ghall-vjolenza fuq il-vittmi, u dan ghas-semplici raguni li din il-Qorti ma tistax timmagina kif persuna setghet kienet qed taggredixxi lill-vittmi u torbothom waqt li fl-istess hin kienet qed tpejjep. Inoltre jirrizulta li min dahal kien liebes xi ghata f’wiccu u ghalhekk ukoll ma setghux kienu qeghdin ipejpu f’dak il-hin. Is-sejbien ta’ filter ta’ sigarett bid-DNA ta’ Dominic Bonnici hdejn il-kadavru tal-mara jista’ semmai jikkorrobora dak li xehed l-istess Dominic Bonnici li wara li kienu rabtu lill-vittmi, l-appellant qallu biex jiehu hsiebhom halli jidhol ifittex gewwa, izda “hin minnhom” qabad u dahal ifittex ukoll. Dan ifisser illi Bonnici ghamel xi hin hdejn il-vittmi u seta’ pejjep sigarett dak il-hin qabel ma dahal ifittex. Konsegwentement din il-Qorti hi tal-fehma li l-gurati setghu wkoll ragjonevolment jikkonkludu li l-appellant kien kompartecipi fil-vjolenza fuq il-konjugi Grima.

**34.** It-tielet linja difensjonali ta’ l-appellant kienet illi jekk il-gurija jiskartaw l-ewwel zewg linji difensjonali, u jikkonkludu li l-appellant kien prezenti fl-appartament u ppartecipa fil-vjolenza, l-offizi fuq il-konjugi Grima kienu gravi u l-mewt sehhet minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta’ l-offiza u mhux ghal xi kawza accidentali li tinqala’ wara. Il-pern ta’ din l-argumentazzjoni huwa l-intenzjoni. L-appellant f’dar-rigward jghid:

“Skond il-ligi taghna hemm ukoll il-kuncett ta’ l-intenzjoni pozittiva indiretta, u cioe` li tpoggi l-hajja f’perikolu car u manifest. Skond id-dottrina, l-intenzjoni hija indiretta meta l-event seta’ kien konsegwenza ta’ l-att, liema event jew ma kienx previst jew kien previst, izda mhux mixtieq. L-intenzjoni indiretta tissejjah pozittiva jekk tali event kien previst u minkejja dan l-att kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa. Mill-banda l-ohra jekk l-event ma kienx la mixtieq, imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjah negattiva. F’dan il-

kaz l-intenzjoni indiretta negattiva tammonta ghal negligenza jew ghal *casus*.

“....

“L-offiza gravi fuq il-persuna li biha wara l-offiz imut, hija kontemplata fl-artikolu 220(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-intenzjoni rikjesta mil-ligi ghal dan id-delitt hija dik generika. Bla dubbju, l-intenzjoni fil-ferita gravi segwita bil-mewt necessarjament teskludi l-intenzjoni li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car.

“Fil-kaz odjern, ma hemm l-ebda dubbju illi l-offizi fuq il-persuni tal-konjugi Grima kienu ta’ natura gravi tenut kont anke biss ta’ l-artikolu 216(1) tal-Kapitolu 9, stante li tali offizi setghu jgibu perikolu ghall-hajja taghhom. Fil-kaz odjern ukoll, il-mewt grat u li din sehhet minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta’ l-offiza. Hu ovvju wkoll illi l-mewt ma gratx minhabba xi kawza accidentali li nqalghet wara. Hu ghalhekk li kif diga` nghad il-kwistjoni kollha tistrieh fuq l-intenzjoni.

“F’dan il-kuntest, l-esponenti, a skans ta’ ripetizzjoni, jaghmel riferenza ghall-parti diga` msemmija f’dan ir-rikors numerata **Bii** intitolat ‘l-element intenzjonali’.

“Il-provi f’dan il-kaz juru illi meta, kien min kien, rabat lill-konjugi Grima bit-*tape*, dawn l-atti, kienu ta’ min kienu, wahedhom ma jimmanifestawx l-intenzjoni diretta li, kien min kien, ried joqtol. Mid-dicitura tal-parti narrativa tat-tieni u t-tielet Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza johrog car, kif anke hareg mir-replika ta’ l-abbli prosekutur, illi l-prosekuzzjoni kienet qieghda tistrieh fuq l-intenzjoni specifika pozittiva indiretta. Jirrizulta wkoll li skond il-prosekuzzjoni din l-intenzjoni indiretta pozittiva kienet dovuta ghaliex l-esponenti ma ghamel xejn biex jiffacilita li l-konjugi Grima jiehdu n-nifs u jibqghu hajjin.

“Il-premess ghalhekk ipoggi din l-intenzjoni pozittiva indiretta ghal mument ta’ meta, skond il-prosekuzzjoni, l-esponenti telaq mill-imsemmi appartament wara s-serqa. Ifisser dan illi skond l-istess tezi tal-prosekuzzjoni, anke

mill-kontenut tar-replika, it-tezi tal-prosekuzzjoni hija bbazata fuq l-ommissjoni ta' l-esponenti. Hu ghalhekk ferm importanti li, kif diga` nghad fil-parti ga` ndikata, wiehed irid jezamina l-element materjali f'dan il-mument. Kif diga` ntqal, hemm sensiela ta' ommissjonijiet li jincidu fuq aspetti li jaghmlu hsara lil min dahal hemm biex jisraq, illi juru illi l-istat mentali f'dak il-mument ma kienx wiehed normali. Hu ghalhekk li dak kollu li nghad taht it-titolu 'l-element intenzjonali' jassumi importanza kbira peress illi wiehed irid per forza jifli jekk l-esponenti kienx fi stat li jifforma l-intenzjoni specifika jew xi xorta ta' intenzjoni ohra.

"Skond Dominic Bonnici, meta l-hallelin hargu mill-appartament, il-konjugi Grima kienu ghadhom hajjin. Dan il-fatt huwa wkoll korroborat mill-esperti patologisti u anke l-espert Dr. Mario Scerri. L-intenzjoni principali ta' min dahal kienet dik li jisraq. Dwar dan diga` saru sottomissjonijiet f'dan ir-rikors. L-irbit tal-konjugi Grima kien konsegwenza sabiex ikun jista' jigi kompletat is-serq. L-istat ta' sokor pruvat nehha l-kuxxjenza jew l-ommissjoni kostitwenti r-reat. Meta hu pruvat li l-istess stat ta' sokor nehha mill-menti certa kuxxjenza u ommissjonijiet ohra li diga` ssemmew, li kienu ta' pregudizzju kbir ghalihom, wiehed jirrejalizza x'kien l-istat taghhom dwar ommissjonijiet relatati ma' terzi. Hu veru illi dan l-argument jista' jgib gol-persuna li tkun qed tisimghu certa dizdenn, peress illi hu naturali illi wiehed jista' jargumenta illi f'tali cirkostanzi ma jimpurtahx mill-ommissjonijiet personali tal-persuni li jkunu qed jiksru l-ligi. Mill-banda l-ohra, pero`, anke f'dan l-isfond ta' argumentazzjoni xejn simpatetika, il-gudikant, bir-rispett, ghandu japprezza kull prova li ssir fil-process, anke meta jekk isarraf tali provi xejn simpatetici u argumentazzjonijiet simili, jasal sabiex jirrejalizza l-valur ta' tali argumentazzjoni li twassal ghall-intenzjoni generika u mhux wahda specifika.

"Legittimament u ragjonevolment, il-gurija kellha quddiemha *mens* ta' persuna li ma kienx qieghed iqis sew l-ommissjoni li jhalli tali persuni marbutin. Kellu l-intenzjoni li jaghmel hsara u offiza gravi, pero` mhux li jpoggi l-hajja taghhom f'periklu car."

**35.** Kwantu ghall-kwistjoni tas-sokor u l-element intenzjonali rilevanti, dan il-punt diga` gie trattat *supra* f'paragrafi 15 u 16 u ghalhekk m'hemmx lok li jinghad xejn fir-rigward, salv biex jigi ribadit li mill-provi ma jirrizultax li l-appellant kien xorob tant li ma kienx kapaci jifforma l-intenzjoni mehtiega biex jikkommetti reat.

**36.** Issa, ma tidher li hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li s-sejbien ta' htija f'dan il-kaz ghad-delitti ta' omicidju volontarju hi dik taht it-tieni forma kontemplata fl-artikolu 211 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe` fejn l-intenzjoni hi dik li tqieghed il-hajja ta' persuna f'perikolu car, dik l-intenzjoni li nirreferu ghaliha bhala intenzjoni pozittiva indiretta.

**37.** Bhalma jghid il-Prof. Sir Anthony Mamo[13]: *"The knowledge that the act is likely to kill, or the recklessness whether death, clearly foreseen as probable, shall ensue or not, is properly treated by the law on the same footing as the positive intention to kill."* U bhalma jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu **The Criminal Law of Scotland** fil-kuntest tal-kuncett ta' *"recklessness"* (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[14] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta[15]):

**"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[16] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the***

[13] Notes on Criminal Law, p. 221.
[14] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."
[15] Ara **Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore sive Salvu Gauci**, 8 ta' Lulju 2004.
[16] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

***"reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[17]**

**38.** Mir-ritratti u mid-deskrizzjonijiet moghtija, specjalment f'uhud mir-relazzjonijiet, jirrizulta illi l-vittmi, u specjalment Gerald Grima, sofrew numru ta' lezjonijiet. Inoltre ntrabtu

---

[17] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

b'mod li mietu fgati (*"asphyxia due to gagging"*). Fir-rigward ta' Gerald Grima mbaghad gie ndikat wkoll bhala kawza tal-mewt *"intracranial haemorrhage"*). Waqt il-guri Dominic Bonnici wiegeb hekk ghall-mistoqsija jekk il-vittmi kinux ghadhom jiccaqalqu: *"Ifhimni jien lis-Sur Rizzo ghidtlu li ma kinux ghadhom qeghdin jiccaqalqu, pero` x-xjuh kienu ghadhom qeghdin jiccaqalqu. Ix-xjuh kienu ghadhom hajjin x'hin hrigna."* Issa, fir-rapport tieghu Dr. Mario Scerri jghid illi huwa ta' l-opinjoni li l-konjugi Grima kienu ilhom mejtin madwar hamest ijiem mill-gurnata ta' l-ezami medikolegali li huwa ghamel fis-17 ta' Frar 2000. L-esperti patologi li ghamlu l-awtopsji fit-18 ta' Frar 2000 (mela gurnata wara l-ezami medikoklegali) ukoll jghidu li l-mewt sehhet *"approximately five days prior to the day of the autopsy"*. Izidu jghidu, pero`, li *"one needs to consider the circumstances in which the body was found."* Fir-rapport tieghu Dr. Mario Scerri jghid ukoll illi *"bil-mod li halqha [Guzeppa Grima] kien marbut kien ferm difficli ghaliha li din tiehu n-nifs."* U fir-rigward ta' Gerald Grima jghid: *"t-tape kien issikkat mal-halq b'tali mod li kien difficli ferm ghal Gerald Grima li jiehu n-nifs."* Filwaqt illi din il-Qorti mhijiex se tiddetermina hi f'liema mument mietu l-konjugi Grima, ma tistax ma tosservax illi r-ritratti relattivi huma elokwenti hafna u, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-posizzjoni li nstabu fiha mill-Pulizija tirrispekkja l-posizzjoni li thallew fiha mill-malviventi, u ghalhekk ma tiskantax illi l-verita` hi dik li Dominic Bonnici qal lill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-konjugi Grima thallew mitluqin ma' l-art minghajr ebda possibilita` li jinhallu. Thallew minghajr ebda possibilita` li jibqghu jiehdu n-nifs. Fi kwalunkwe kaz, m'hemmx ghalfejn tkun bniedem gharef biex tifhem u taghraf illi l-kondizzjoni li thallew fiha l-vittmi kienet twassalhom ghall-mewt. Mhix l-ewwel darba mbaghad li graw avvenimenti simili f'pajjizna. Hadd mill-malviventi ma pprova jholl lill-vittmi xi ftit qabel ma ssir il-harba – forsi ghax kien diga` tard wisq? U anke jekk kienu ghadhom hajjin, il-gurati xorta setghu ragjonevolment iqisu li hawn kienet tezisti sitwazzjoni ta'*"recklessness whether death, clearly foreseen as probable, shall ensue or not"*.

**39.** L-ahhar aggravju ta’ l-appellant hu dwar il-piena. Huwa jilmenta li l-ewwel Qorti ma qisitx bizzejjed il-fatt illi almenu fir-rigward tat-Tieni u t-Tielet Kapi ta’ l-Att ta’ Akkuza terz mill-gurija emmnu li l-intenzjoni ma kinitx wahda specifika. Jghid ukoll li dan il-kaz kien presedut mill-istess Imhallef li kien iddecieda l-kaz kontra Dominic Bonnici li gie kkundannat tletin sena prigunerija wara li ammetta. Skond l-appellant, dan il-fatt seta’ kkundizzjona lill-Qorti li allura la l-kaz odjern kien kontestat kellha tinfliggi piena akbar. L-appellant jghid illi filwaqt illi huwa veru li persuna akkuzata li tammetti tista’ tibbenefika minn tnaqqis ta’ piena, hu veru wkoll illi meta dik il-persuna akkuzata tkun qed tammetti dan ifisser qisu gurija tkun unanima dwar il-htija tieghu. Fil-kaz prezenti m’ghandniex vuci unanima u ghalhekk il-piena ghandha tigi ridotta.

**40.** Il-principju regolatur in materja ta’ piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[18].

**41.** Il-piena erogata mill-ewwel Qorti f’dan il-kaz certament taqa’ fil-parametri tal-ligi, ghalkemm fil-massimu possibbli, massimu li l-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni taghha, kellha kull dritt li timponi. Difatti l-artikolu 492(2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **“Il-qorti <u>tista’</u> taghti piena ta’ prigunerija ghal zmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta’ fatt li ghalih hemm stabbilita l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi”** (sottolinear ta’ din il-Qorti). Jigifieri fejn verdett mhuwiex unanimu hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk taghtix piena anqas minn dik ta’ l-ghomor.

**42.** Imbaghad l-ewwel Qorti kienet pjenament konxja tal-piena li kienet imponiet fuq Dominic Bonnici, tant li osservat fis-sentenza appellata li **“hemm differenza**

---

[18] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**tremenda bejn il-fedina penali tieghu (ta' Dominic Bonnici) u dik tal-hati u filwaqt illi Bonnici seta' jibbenefika mill-fatt li huwa ammetta l-htija tieghu mill-ewwel u dan skond il-gurisprudenza ghandu jigi rifless fil-piena, l-istess ma japplikax ghall-hati f'din il-kawza."** L-ewwel Qorti kompliet tikkunsidra li **"l-hati sal-lum gie kkundannat mill-Qrati ghall-mhux inqas minn sittax-il darba ghar-reati serji diversi ta' serq, attakk u rezistenza kontra l-forza tal-ordni, tentattiv ta' incendju ta' karozzi, rapporti foloz ta' reati lill-awtorita`, theddid ripetut kontra diversi membri tal-forzi tal-ordni, feriment ta' Supretendent tal-Pulizija u nies ohra tal-korp u persuni privati, kif ukoll li ghamel uzu minn passaport mhux tieghu u ffalsifika l-istess, dikjarazzjonijiet u stqarrijiet foloz lill-awtorita` bi hsieb li jikseb vantagg u reati ta' frodi, apparti ruxxmata ta' reati li ghandhom x'jaqsmu mas-sewqan."** L-ewwel Qorti kkonkludiet li **"[w]ara li qieset dan kollu, u li per konsegwenza ta' din is-serqa tilfu hajjithom b'mod mill-aktar kiefer u brutali z-zewg anzjani u dana ghall-iskop ta' serq, tqis li hemm lok li l-piena tkun tirrifletti pjenament il-gravita` enormi tal-kaz."**

**43.** Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dawn l-osservazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti. Hawn ghandna kaz kiefer fejn zewg hajjiet gew mitmuma hesrem b'mod kiefer. Min ikun responsabbli ghal agir bhal dan irid jirrispondi ta' ghemilu permezz ta' piena adegwatament harxa. Bhalma qalet din il-Qorti f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici** fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru 2004: *"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car mhux biss li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, izda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni ohra partikolarment vulnerabbli, il-piena ghandha tkun aktar severa minn dik li normalment tinghata f'kazijiet ohra."* Ghalhekk, u wara li hasbet fit-tul dwar dan il-punt, fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex tiddisturba l-piena li giet inflitta mill-ewwel Qorti.

**44.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------